# Leħen il-Punent

Diċembru 2022
Nru. 32



## Astronomy Park

## Respite Center Project



## Outdoor Gym Project



## Amppa




## Meeting Hub Project




COMPASS®
Group Limited
MAPFRE
MIDDLESEA
MOTOR
HOME
TRAVEL
MARINE
BUSINESS
HEALTH
Karlu Galea Street, Victoria Gozo
compass@barongroupmalta.com
21556600
Compass Group Ltd is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act, Cap 487 of the Laws of Malta for MAPFRE Middlesea p.l.c..
MAPFRE Middlesea p.l.c. (C-5553) is authorised under the Insurance Business Act, Cap 403 of the Laws of Malta.
Both entities are regulated by MFSA


JOSEPHCARUANA®
COMPANY LIMITED
Email: info@josephcaruana.com
Tel: (+356) 2156 0019


A & E Mintoff Co. Ltd
1982 30 2012
A team with more than 30 years of experience!
Our Services
Travel
Construction
Excavation
Demolition
Transportation

# Leħen il-Punent

ĦARĠA SPEĊJALI TA' KULL SENA

Diċembru 2022 • Nru 32

Rivista maħruġa mill-

**KUNSILL LOKALI L-GĦARB**

Triq il-Viżitazzjoni, l-Għarb GRB1044

Tel: 2156 0556 • Email: gharb.lc@gov.mt

Facebook: Gharb Local Council



• KUNSILL LOKALI GĦARB •

| | |
|---|---|
| Sindku: | David Apap Agius |
| Viċi Sindku: | Louis Apap |
| Kunsilliera: | Tonio Mifsud |
| | Joseph Mizzi |
| | Miriam Borg |
| Segretarju Eżekuttiv: | Emily Amatulli Depasquale |
| Librara/Ass. Principal: | Christina Camenzuli |
| Staff: | Sandro Cauchi |
| | Elizabeth Camilleri |
| | Christian Attard |


Kull korrispondenza għandha tintbgħat lil-"Leħen il-Punent", Kunsill Lokali l-Għarb



Ritratt tal-Qoxra:

**Progetti**
**mil-Kunsil Lokali l-Għarb**

- **Meeting Hub**
- **Astronomy Park**
- **Outdoor Gym Project**
- **Respite Centre Project**
- **Amppa Project**


• Grazzi lill-isponsors tagħna tal-għajnuna tagħhom matul is-sena.
• Grazzi wkoll imur għall-kontributuri ta' din il-ħarġa.

Issetjat u Stampat:
**InPrintMalta** - Għarb - 7701 6000


## *F'din il-Ħarġa*


4. Meassaġġ mis- Sindku

6. Mill-Pinna tal-Kunsilliera

9. Messaġġ mill-Arċipriet

10. Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalita'

14. Kulleġġ t'Għawdex - Skola Primarja Gharb

15. Proġetti u inizjattivi – 2022

18. L-Iskejjel fl-Għarb matul iż-żmien - Joseph Galea MD FRCS

22. Rokna Saħħa - il-Professjoni ta' Infermiera

23. Servizzi offruti Mill-Kunsill Lokali l-Għarb

24. Children's corner

27. Riċetti minn Liza Frendo

28. Mid-Djarju tal-Kunsill

34. L-Estimi Finanzjarji



# Messaġġ mis-Sindku

David Apap
david.apap@gov.mt
79492667

## NKOMPLU NIBNU FUTUR FLIMKIEN BILLI NAGĦMLU L-PRIJORITAJIET

X'hemm isbaħ milli lil uliedna ngħaddulhom l-identita' u l-valuri tajbin tagħna, valur ta' futur aktar sigur u b'saħħtu. Dan nistgħu nagħmluh biss b'eżerċizzju vast ta' smigħ, l-ewwel u qabel kollox nisimgħu l-fond ta' qalbna u l-kuxjenza b'intelliġenza u bla ma nħallu lil ħadd jiddetta għalina. Il-ħsieb tagħna jrid jevalwa l-aħjar il-qasam tal-familji u l-qasam tal-familja ta' kull forma, ta' l-ulied, iż-żgħożija u l-ħtiġijiet tagħhom, l-ambjent u benessere, l-kultura, kif noħolqu opportunitajiet ta' rikreazzjoni, inkunu proattivi u niġġeneraw enerġija sostenibbli u diversi aspetti oħra sabiex filwaqt li nilħqu l-aspettattivi komuni naraw li l-iżvilupp jindirizza n-neċessitajiet bl-aħjar mod, meqjus u l-ġid jitqassam indaqs. Biex nilħqu dan kollu ħsiebna għandu jkompli jiġġedded f'kull ħin. L-għażliet tagħna jridu jkunu l-għażliet li jirriflettu x-xewqat imwieżna mir-responsabilita' u meqjusa sabiex il-futur nagħmluh sabiħ flimkien għal kulħadd.

Dan kollu għandu jwassal għall-komunita' aktar b'saħħitha u ġusta li nixtiequ ngħixu fiha lkoll. Biex dan iseħħ hemm bżonn nikkumplimentawh b'aktar solidarjetà u nitgħallmu nirrispettaw u jkollna aktar paċenzja. Irridu nibdew b'aktar rispett lejna nfusna, lejn il-ħajja, lejn uliedna u lejn l-anzjani li qabilna ħadmu biex jiggarantixxu komunitajiet b'valuri sodi li għaddewhom lilna.

Fil-maġġoranza tagħna nixtiequ ngħixu f'soċjetà li fiha nħossuna milqugħin, siguri u protetti. Dan ma għandux jgħodd biss għall-persuni l-iktar qrib tagħna, imma wkoll għall-persuni oħra li ma nafuhomx, huma minn huma, ġejjin minn fejn ġejjin. Aktar ma jmur pajjiżna u mhux b'inqas il-lokalita' tagħna, qed tattira aktar popli b'kulturi differenti u allura qed jikber il-multi kulturaliżmu u allura jikber aktar il-bżonn tal-protezzjoni tal-kultura tagħna filwaqt li nuru rispett lejn kulturi differenti irridu nibqgħu sodi f'dak li nemmnu u li jagħmilna poplu Malti u Għawdxi, li jagħmilna poplu tal-Għarb u dan għandna nagħmluh b'wiċċna minn quddiem, bla biża għax dan huwa pajjiżna.

Fiż-żmien tal-Milied u b'mod speċjali f'lejliet l-ewwel tas-sena mdorrijin nagħmlu ħafna proponimenti, uħud minnhom fattibbli u oħrajn ikollna riservi dwarhom. Biex ma nfallux irridu nuru determinazzjoni u fuq kollox ottimiżmu biex l-isfidi naqilbuhom f'opportunitajiet. Dan jgħodd għall-ħajja tax-xogħol, ħajja familjari, fejn tidħol is-saħħa kif ukoll fejn nistgħu nesperjenzaw telfien tal-għeżież tagħna. Li nwieżnu lil ta' madwarna huwa ġest sabiħ u mportanti ħafna speċjalment f'komunita' żgħira bħal tagħna fejn kulħadd jaf u jiġi minn xulxin.

Nieħu l-okkażjoni sabiex pubblikament insellem lill-ħabib kbir tiegħi Silvio Parnis li għadu kif ħalliena għall-ħajja aħjar għand il-Mulej. Persuna li smajna ħafna dwarha, persuna li f'ħajtu kien altruwista u uża l-politika biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi. Jibqa magħruf għall-ħniena li wera ma' dawk li kien jaf u b'mod speċjali ma' dawk li ma kienx jaf imma feċċewh u oħrajn fittixhom hu biex jgħinhom. Silvio jibqa' mfakkar bħala politiku ta' qalb tajba, li baqa' dejjem qrib in-nies u li dejjem ra li jħaddem fil-prattika l-valuri tal-ġustizzja soċjali u l-għajn lill-batut. Grazzi Silvio tal-ħbiberija sinċiera!

L-għażla tiegħi li nibqa' fil-politika ser tibqa tixprunani biex nibqa' qrib tagħkom. Ser inkompli naħdem biex ikollkom ħajja aktar serena u sigura. Intom u l-lokalita' tagħna jixirqilkom l-aqwa fost l-aħjar.

Fl-okkażjoni ta' Jum l-Għarb ħabbartilkom sensiela ta' mpenji li dħalna għalihom, lista ta' proġetti li ser ikomplu jsaħħu u jsebbħu l-lokalita'. Opportunitajiet li ser ikomplu jixprunanwna biex niggarantixxu futur aħjar minn dak li sibna aħna.

Fost dawn il-progetti nsibu aktar titjib fil-mogħdijiet fil-kampanja taħt il-Miżura M4.3, nagħlqu l-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ taħt il-Miżura M4.4, Sheltered care centre taħt l-iskema ta' l-Aċċessibilta' u Mobilita', Aċċessibilita', Żvilupp u Titjib fil-Playing Fields, Meeting Hub u Astronomy Park mill-fondi tal-Local Action Group Għawdex, Proġett AMPPA li jindirizza l-preservazzjoni u



protezzjoni tal-kosta fondi ġejjin mill-fond Italia Malta, restawr tal-faċċata u pavimentar taċ-Ċentru Ċiviku mill-fond Eco Gozo mill-Ministeru għal Għawdex, modernizzar tal-librerija, aktar xogħol fuq it-toroq tal-lokalita' flimkien ma' żewġ proġetti oħra kapitali: il-ħolqien ta' PV farm u Ċentru tal-logħob fuq ġew fiż-żona tal-Leisure Park fi Triq Tumas Cassar. Dawn huma uħud mill-proġetti li ser naraw jitwetqu u jkunu konklużi fil-ġimgħat u xhur li ġejjin. Ringrazzjament mistħoq lil Onorevoli Ministru għal Għawdex Clint Camilleri tas-sapport kontinwu f'kull qasam, lil Onorevoli Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali s-Sinjura Alison Zerafa Civelli u lill-istaff tagħhom kollu tal-koperazzjoni li nsibu mingħandhom.

Dawn il-proġetti jirriflettu sigħat, jiem, ġimgħat u xhur ta' ħidma. Minn fuq il-midja soċjali nsegwi l-ħidma u proġetti li qed iwettqu Kunsilli sħabna u ninnota li ħafna minn din il-ħidma u proġetti aħna ilna li wettaqnihom u dan għax konna bil-għaqal u proatttivi. Il-ħidma tagħna għandha tkun mhux biex nirbħu l-punti lil xulxin imma






l-għan ewlieni għandu jibqa jkun biex naraw lilkom u l-lokalita' mixjin il-quddiem f'kull aspett u f'kull qasam. Kif għamilna fis-snin li għaddew irridu nkomplu nkunu miftuħa u naraw li s-sena 2023 tkun ukoll sena oħra ta' ħafna ħidma mal-għaqdiet kollha li jaħdmu f'kull faxxa tal-komunita'. Grazzi tal-impenn u tal-ħidma tagħhom l-ħidma tagħna tista' tkun aktar iffukata u kompluta. Dan jagħtina l-opportunita' li ngħinuhom isostnu l-ħidma tagħhom. Ejjew b'ħarsitna l-quddiem flimkien nibqgħu pożittivi u mpenjati!

Qatt ma nieqaf u ngħid li għamilt biżżejjed u dan għax dejjem emmint u ser nibqa' nemmen fikom u rrid li l-messaġġ jasal b'saħħtu li jien hemm għalikom ilkoll bla ma nagħmel għażla, għalikom fit-triq, fl-uffiċju u fid-dar, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Nibqa' naħdem biex id-drittijiet u l-għażliet fil-ħajja tagħkom jibqgħu jingħataw prijorita' f'kull kuntest. Konvint li ser nibqgħu nwasslu lil-lokalita' tagħna tal-Għarb aktar il-quddiem u dan grazzi għas-sapport kontinwu tagħkom. Grazzi.

Nagħlaq il-messaġġ annwali tiegħi ta' tmiem u bidu tas-sena billi minn qalbi flimkien ma' marti Joanne, uliedi Nikol u Mikela, mal-familji tagħna, l-Viċi Sindku, sħabi kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u staff nawguralkom sena mimlija saħħa u paċi.





# Mill-Pinna tal-Kunsilliera



## VIĊI SINDKU
## Louis Apap

Reġgħa wasal iż-żmien li tiġi ppublikata r-rivista Leħen il-Punent li tintbgħat lilkom ir-residenti darba fis-sena għal ħabta tal-Milied. Aħna l-kunsilliera flimkien mas-Sindku nwasslulkom il-messaġġi tagħna permezz ta' din ir-rivista li naf li ħafna jkunu qed jistennew f'dan iż-żmien sabiħ.

Ħsibt li minn flok noqgħod ngħidilkom x'għamel u x'qed jagħmel il-kunsill (għax dan tistgħu tarawh u tmissuh) nikteb dwar xi għajnuniet li l-Ministeru għal Għawdex joffri lill-anzjani biex ikollhom ħajja aħjar. Għażilt li nindirizza lill-anzjani għax jien illum għandi sebgħin sena u allura naqa' fil-kategoriji anzjana.

L-ewwel u qabel kollox hemm is servizz tat-telecare li nissuġġerilkom li tapplikaw għalih għaliex jekk issib ruħek f'diffikulta kemm tagħfas buttuna li jkollok fuq il-pendent u taqbad dirett maċ-ċentru tat- telecare 24 siegħa kuljum. Iċ-ċentru jieħu ħsieb jgħarraf mill-ewwel malli int tkun għafast il-buttuna lill-persuna li int tkun indikajtlu qabel meta tkun applikajt għas-servizz li naturalment ikun xi qarib jew ħabib tiegħek. Fost servizzi oħra li l-Ministeru joffri hemm is-servizz lill-persuni bi problemi ta' inkontinenza. Xi jkun dan? Jiġu provduti ħrieqi, pads eċċ. Lill-anzjani li għandhom din il-problema bi prezz issussidjat. Meta tapplika għal dan is servizz wara li tkun imlejt formola tinħariġlek karta ħadra li biha tkun intitolat biex tirċievi sussidju fuq dawn il-ħrieqi, pads eċċ.

Importanti ħafna li aħna l-anzjani jżommu ruħna attivi u allura hemm ċentri għal anzjanita attiva. Dawn iċ-ċentri li jinsabu f'diversi rħula madwar Għawdex joffru servizzi ta' keep fit, tagħlim tat-tablets u computers, ganutel, pittura, bizzilla u ħafna aktar. Tista' tapplika billi ċċempel fuq 22156644. Jekk int anzjan/a hemm iktar servizzi li int tista' tibbenifika minnhom. Per eżempju servizz ta' handyman jew ġardinar. Is-servizz ta' handyman jikkonsisti f'tiswijiet żgħar li jista jkollok fid-dar tiegħek u dak ta' ġardinar jingħata lill-persuni li jsibuha diffiċli biex jieħdu ħsieb il-ġnien tagħhom u dan is-servizz jingħata b'xejn. Hemm iktar servizzi offruti bħal xiri ta' groceries u mediċini lil dawk l-anzjani li jsibuha diffiċli joħorġu minn djarhom. Servizz ta' fiżjoterapija huwa wkoll offrut lill-persuni li huma fis-sodda, f'siġġu tar-roti jew ma joħorġux minn djarhom. Nittama li b'dan li ktibt kont ta' għajnuna mqar għall-persuna waħda għax aħna l-anzjani jixirqilna li wara li nkunu ħdimna matul l- aqwa żmien tagħna nsibu issa minn jieħu ħsiebna. Jekk trid tapplika għal xi servizz jew trid iktar tagħrif dettaljat tista' ċċempel fuq 22156620. Nagħlaq billi nixtiqilkom Milied hieni u sena ġdida mimlija risq u barka.



## KUNSILLIER
## Tonio Mifsud

Għeżież residenti,

Nibda billi nirringrazzja l'Alla li din is-sena erġajna qlibna għan-normalita' u flimkien qed ingawdu dan iż-żmien ta' staġun festiv li lkoll niċċelebraw it-twelid ta' Ġesu Bambin, żmien li joħloq ferħ fost it-tfal kif ukoll fost il-kbar u lid-dinja kollha li tiċċelebra dan l-avveniment.

Kienet sena li fiha erġajna bdejna nagħmlu l-attivitajiet għall-pubbliku b'mod mhux ristrettiv iżda normali, ma ninsewx li kien ilna kważi sentejn ngħixu f'kuntest ta' żmien li konsegwenza tiegħu kellna naddattaw il-mod ta' kif għejjixna fil-ħajja ta' kulljum.

Fost l-oħrajn, l-ikbar stennija kienet naturalment il-festa tal-viżitazzjoni li tant u tant kullħadd kien qed jistenna bil-ħerqa, festa li lkoll gawdejna flimkien u li kienet ta' suċċess u dan Grazzi għall-ħidma tal-Arċipriet u l-kleru matul is-sena, il-kumitat ċentrali Festi Esterni u l-għaqdiet kollha tar-raħal li lkoll flimkien ħadmu sabiex kellna festa mill-

isbaħ. Attivita' massiva oħra kienet il-Kite Festival li ssir fiż-żmien tal-festa ta' San Dimitri li llum il-ġurnata huwa appuntament fil-kalendarju kulturali. Wieħed irid japprezza l-ħidma kontinwa tal-voluntiera li ssir matul is-sena għall-festa u fl-attivitajiet kollha. Il-volontarjat huwa pilastru ewlieni ta' kull komunita' u ta' dan ninsabu grati lejkom, m'hemmx kliem biex nirringrazzjakom.

F'din il-komunita' għandna nies b'talenti u ħiliet f'diversi oqsma tas-snajja li jħawwru l-identita' ta' raħalna, li iżda sfortunatament ċertu snajja tintilef maż-żminijiet jekk ma' jkunx hemm min ikompliha. Irridu napprezzaw il-bdiewa li għandna fir-raħal li b'tant ħidma jaħdmu r-raba' tagħhom sabiex ikabbru l-uċuħ kif ukoll dawk li jaħdmu fil-manifattura, nsemmi lil dawk li jaħdmu fl-artiġjanat bħal pereżempju dak fil-ħġieġ dak manifatturat u dak dekorattiv, lavur fil-ġebla Maltija, tal-induratura u snajjiet oħrajn.

Huwa ferm importanti li ngħożżu t-tradizzjonijiet u snajjiet u li nagħmlu minn kollox sabiex insostnuhom u nagħtu l-għajnuna fejn mistħoqq fejn huwa possibli.

Kburin b'raħalna għax mogħni b'wirt kulturali, artiġjanali, naturali, agrikolu u arkitettoniku kif ukoll reliġjuż u dan jiġi apprezzat minn ħafna turisti kemm lokali kif ukoll barranin li jżuru r-raħal tagħna u iqattgħu l-vaganzi tagħhom hawnhekk fejn isibu komunita' ferm ospitabbli. L-Għarb huwa wieħed mill-aktar irħula li għandu arkitettonika li nsibu b'mod speċjali fil-knisja li hi waħda mill-uniċi fuq stil barokk, il-kappelli li għandna u li magħhom hemm marbutin leġġendi, is-Santwarju Ta' Pinu li jżuruh b'devozzjoni ħafna Pellegrini matul is-sena kollha. Ma dawn inżidu d-djar l-antiki b'gallarijiet b'lavur partikolari u storiku li jinsabu biss fir-raħal tagħna kif ukoll kampanja b'pajsaġġi meraviljużi bħal madwar tat-tieqa ta' Wied il-Mielaħ u s-sbuħija tal-kosta u widien, li taf toffri in-natura. Mgħobbijin bir-responsabilita' li nippreservaw dan il-wirt storiku u ambjentali li għandna.

Matul dawn l-aħħar snin li erġajt qed inservi bħala kunsillier ta' din il-lokalita' dejjem ħdimt sabiex il-lokalita' tagħna tkompli tissaħħah bl-aqwa rispett, nemmen bil-prinċipju li qed inservi u nirrappreżentakom fil-kunsill sabiex inkun ta' servizz għar-residenti kollha tar-raħal tagħna.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ fuq żewġt noti mportanti, l-ewwel billi nirringrazzja lill-voluntiera kollha tar-raħal li b'tant impenn u dedikazzjoni kontinwa jagħtu l-kontribut u l-ħin tagħhom għal raħalna li tant iħobbu u lilkom ir-residenti tal-parteċipazzjoni tagħkom fl-attivita' tar-raħal u tal-valuri mprezzabli li tħaddnu u li twettqu sabiex b'hekk ngħożżu li ngħixu f'din il-komunita' li tgħamilna dak li aħna.

Sinċerament u minn qalbi nixtieq nawguralkom is-Sena it-Tajba lilkom u lill-Għeżież tagħkom.

Awguri u Tislijiet.

---



## KUNSILLIER Joseph Mizzi

**Għeżież residenti u ħbieb,**

Reġa' wasal tmiem ta' sena impenjattiva iżda mimlija ħidma b'risq ir-raħal tagħna. F'dan iż-żmien naraw x'għamilna tul sena sħiha u naraw x'imiss isir, għax il-ħidma fil-Kunsill Lokali ma tieqaf qatt. Fuq kollox, irridu nanalizzaw fejn baqa' nirranġaw biex ir-resident ikun moqdi bl-aħjar mod. Nieħu gost meta nirċievi messaġġi li l-Kunsill Lokali tagħna jaħdem b'risq it-tfal, il-familji u r-residenti għax dawn jimlewni b'kuraġġ biex inkompli naħdem b'iktar motivazzjoni. Nieħu gost meta nisma' kritika u ideat li jwassluni biex nistinka ħalli nirranġaw fejn hemm bżonn. Li wieħed juri u jwassal il-ħsieb tiegħu jfisser li għandna residenti li jħobbu r-raħal tagħna u jridu li l-Għarb ikun isbaħ u aħjar. U hawn nidħlu aħna bħala kunsilliera f'dan ir-raħal li lkoll flimkien nagħmlu ħilitna u naraw li l-Għarb u r-residenti javvanzaw 'l quddiem f'kull aspett.

Dis-sena erġajna lura għar-rutina normali ta' qabel il-pandemija b'attivitajiet miftuħa għall-pubbliku, t-tfal u l-familji. Tul is-sena 2022 il-Kunsill Lokali rnexxielu jakkwista ammont ta' fondi minn Ministeri differenti, minn skemi u proġetti, biex jiżdiedu s-servizzi fir-raħal u jsiru iżjed attivitajiet kulturali sabiex igawdu r-residenti tagħna. Bħas-soltu, l-kalendarju tas-sena kien mimli bi programmi sbieħ u rajna rispons tajjeb min-nies li dejjem attendew bi ħġarhom. Biżżejjed insemmi Jum l-Għarb, il-Kite & Wind Festival fil-festa ta' San Dimitri, l-Infiorata annwali f'jum il-festa tar-raħal, l-Opera li saret fil-knisja bis-sehem tal-banda tar-raħal u l-Christmas Market u l-Ice Rink fil-pjazza.

Fost attivitajiet oħra li saru kien hemm ħarġiet kulturali għall-familji, esebizzjoni mill-Korpi Dixxiplinati fil-"*Community Police Day*", sar logħob għat-tfal fil-Leisure Park fis-sajf, b'inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex bands lokali daqqew fil-pjazza tagħna kull nhar ta' Ġimgħa tul is-sajf kollu, kabbarna l-binja taċ-Child-care Centre biex tilqa' iżjed tfal, qassamna *stationery* għat-tfal li jattendu l-iskola primarja tar-raħal, reġgħet infetħet il-berġa

(*Community Clinic*) b'ambjent modern u servizzi ġodda, tlestew bosta ħitan tas-sejjieħ fil-kampanja, tqassmu muturi elettriċi (*e-bikes*) għaż-żgħażagħ u ġie inawgurat van ġdid tal-elettriku li nxtara għall-użu tal-komunità tal-Għarb. Dis-sena wkoll il-Kunsill Lokali beda inizzjattiva interessanti ġdida tal-qtugħ taż-żebbuġ mis-siġar li għandna f'żoni pubbliċi madwar l-Għarb biex isir żejt, attività li tista' tiġi nkluża fil-kalendarju annwali.

Għas-sena l-ġdida 2023 hemm diversi pjanijiet sbieħ jitħejjew għar-residenti. Bla dubju l-attivitajiet mhux se jonqsu. Ma' dawn se naraw li nkomplu ngħinu lill-familji bis-servizzi li noffru. Tistgħu tinnutaw xogħol infrastrutturali għaddej biex jitlesta s-sular ta' fuq il-bini tal-Kunsill Lokali (*Meeting Hub*). Qed naħdmu sabiex issir App fuq l-Għarb biex is-servizzi jkunu iżjed aċċessibbli mill-mowbajl, qed naħdmu biex jinfetaħ id-day centre u n-night shelter għall-anzjani, proġett ta' tisbiħ tal-Leisure Park u Astronomy Park fejn il-Kunsill ġab finanzjament għal dan ix-xogħol. Qed naħdmu biex jitranġaw diversi toroq madwar il-lokal u li l-Kunsill diġà ngħata finanzjament għalihom. Tul is-sena se nibqgħu determinati sabiex noffru lezzjonijiet edukattivi u nippromwovu s-snajja u l-kultura.

Fir-rigward tad-dekasteru tal-indafa, jien dejjem bqajt nisħaq fuq l-importanza li nżommu r-raħal nadif billi ma jintramax skart barra u kulħadd isegwi l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Hawn insemmi li l-Kunsill tagħna baqa' joffri t-tqassim ta' boroż tal-iskart organiku mill-uffiċċju. Is-servizzi tal-ġbir tal-Bulky Refuse u open skip baqgħu għaddejjin regolarment mill-Kunsill bla ħlas. Fix-xhur li għaddew l-Kunsill qabel mal-proposti li għandhom jinxtraw rubbish bins ġodda għall-pjazza u jiġu mwaħħla tliet *dog waste bins* f'żoni partikolari fir-raħal. Tajjeb li wieħed iżomm l-indafa fejn ngħixu u nkunu responsabbli.

Ix-xogħol baqa' għaddej madwar ir-raħal permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali li jagħmlu ħafna xogħol siewi tul is-sena kollha. Nirringrazzja wkoll lill-ħaddiema fl-uffiċċju tal-Kunsill għax-xogħol amministrattiv li jwettqu. Grazzi speċjali tmur lill-parroċċa u lill-għaqdiet li għandna fir-raħal li sibnihom ta' spalla fl-attivitajiet u dejjem nikkolaboraw tajjeb flimkien. Ħajr speċjali jmur għar-residenti li japprezzaw dak li jsir u dawk li jagħtuna s-sapport tagħhom.

Permezz ta' dan il-messaġġ nixtieq insellem lill-morda u dawk li huma weħidhom biex jagħmlu kuraġġ u nwassal l-awguri tiegħi għal Milied ħieni u sena ġdida mimlija paċi u saħħa lil kulħadd. Nirringrazzjakom li tibqgħu tieħdu interess fir-raħal biex jibqa' raħal ħaj. Inselmilkom.

---



## KUNSILLIERA

## Miriam Borg

Għeżież residenti,

Minn qalbi nixtieq nawguralkom sena 2023 mimlija hena u paċi. Sena oħra għaddiet, sena mimlija attivitajiet u ħidma li ma qatgħu xejn.

L-ewwel u fuq kollox grazzi lilkom ir-residenti li tkunu minn tal-ewwel li tresquli idejat u opinjonijiet tagħkom biex jien flimkien ma' sħabi niddiskutuhom ma' sħabi fil-Kunsill. L-avvenimenti li jsiru ġewwa r-raħal sabiħ tagħna l-ewwel skop tagħhom huwa li tgawduhom intkom, il-familji, żgħażagħ anzjani u tfal tagħna. Dawn iservu wkoll ta' vetrina sabiex nesponu dak kollu li jappartjena lilna, il-kapaċitajiet tagħna u fuq kollox li nkunu dejjem minn ta' l-ewwel b'idejat innovattivi.

Il-ħidma tal-Kunsill ma tieqaf qatt, u id f'id mal-kumitati tar-raħal dejjem ħdimna għal għan wieħed li dak li nwettqu nagħmluh mill-qalb f'għaqda waħda bejnietna u sabiex kulħadd jibqalu gwadan u jkollna suċċess. Minn hawn nixtieq ngħid grazzi lil dawk kollha li b'mod volontarju jgħinu anke għall-ħinijiet twal. Nieħu pjaċir nara lill-għaqdiet jaħdmu f'armonija waħda bħalha kollegi u ħbieb. Nibqgħu ngħożżu l-għaqda ta' bejnietna għax dik hija l-bachetta maġika ta' kontinwita' u s-suċċess ta' kull għaqda fil-lokalita' tagħna.

Ma rridx ninsa lill-anzjani tagħna li jqattgħu ħafna ħin waħedhom jew huma totalment waħedhom ġewwa darhom jew fl-isptarijiet jew homes, dawk li grazzi għalihom aħna għandna nkunu grati lejhom għal dak li għandna llum.

Lit-tfal li huma l-preżent u futur nixtieqhom jissawru fil-valuri sodi u tajba imsejsa mit-tagħlim nisrani u akkademiku, valuri li jiggarantixxu wkoll lokalita' u pajjiż b'saħħithom. Fuq kollox nawguralhom li dejjem iżommu l-eżempju mogħti lilna mill-patruni tagħna Marija fiż-żjara lil qaribtha Eliżabetta.

Lura għall-ħidma tal-Kunsill kellna sena sabiħa, b'attivitajiet u inizjattivi mill-isbaħ. Ta' kull xahar żammejna laqgħat tal-Kunsill fejn iddiskutejna u iddibattejna idejat li jiġu imwettqa fil-ġimgħat u fix-xhur ta' wara. Sa biex ikunu osservati l-proċeduri, l-proċess kultant ikun twil. Mhux la kemm taqbat u tagħmel u minn hawn nixtieq ngħid prosit u grazzi kbira lill-ħaddiema tal-kunsill, ix-xogħol tagħhom huwa ferm apprezzat.

Insellem lil sħabi l-kunsilliera, dejjem nisimgħu l-punti ta' xulxin u b'impenn naslu. L-aħħar u mhux l-anqas lis-Sindku li hu l-pilastru tal-Kunsill, mingħajru u mingħajr l-idejat tiegħu xejn ma jkun possibli. Grazzi ta' kollox.

Is-sena t-tajba lilkom u lill-familji tagħkom.



## MILL-ARĊIPRIET

# Arċ. Trevor Sultana

Għadna kemm tajna bidu għal sena ġdida – mument li normalment iġib miegħu enerġija ġdida u tama għal żmien aħjar. Il-bniedem iħoss li għal darb'oħra għandu karta ġdida f'idejh u jista' jikteb dak li jħoss, forsi xi ħaġa aħjar mit-taħżiż li biha jkun għarraq il-karta (sena) ta' qabel.

Din is-sena, iżda, qed nibdewha b'ħafna tħassib u kwistjonijiet mhux maħlula. Fuq livell internazzjonali qed ngħixu mill-ġdid il-gwerra fl-Ewropa fejn pajjiż sovran u independenti qed jiġi attakkat proprju fis-sovranità territorjali tiegħu – xi ħaġa li konna ħsibna li fi żmienna hija superata. Dan l-attakk fixel id-dinja kollha għax, b'xi mod, id-dinja kollha qed tħoss l-effetti tal-gwerra fuq livell materjali u prattiku. Iżda hemm fixla oħra, iktar profonda, li l-gwerra ġabet fid-dinja; fi kliem il-Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għall-jum dinji tal-paċi – "din il-gwerra, flimkien mal-kunflitti l-oħra kollha li hawn fid-dinja, tirrappreżenta pass lura għall-umanità kollha. Filwaqt li għall-Covid 19 instab il-vaċċin, għall-gwerra għadhom ma nstabux rimedji xierqa". Ċertament il-virus tal-gwerra huwa ħafna iktar diffiċli biex jingħeleb għax jiġi mhux minn xi ħaġa 'l barra minna, imma jiġi mill-qalb tal-bniedem imħassra bid-dnub.

Fuq livell nazzjonali, ġo Malta Kattolika u estremament reliġjuża, ġol-bejta tal-festi l-kbar ad unur tal-Qaddisin ta' kull xorta, qed niddiskutu jekk inbexxqux tieqa fuq l-abort jew le. F'kuntest fejn il-ħajja tal-mara dejjem ġiet imħarsa u qatt ma ġiet issagrifikata għall-ħajja tat-tarbija, qed niddiskutu jekk hemmx bżonn ta' emenda li permezz tagħha jekk is-saħħa, anke mentali, tal-mara tkun fil-periklu din tista' tiddeċiedi li tneħħi t-tarbija. Skont Yves Muscat Baron, kap tad-dipartiment tal-Ostetriċja u tal-Ġinekoloġija fl-Isptar Mater Dei, ikkwotat f'artiklu li deher fit-*Times of Malta* tas-6 ta' Jannar 2023, madwar 20% tan-nisa tqal ikollhom problemi ta' saħħa mentali minħabba t-tqala. Allura ser naslu fi stat li tarbija minn kull ħamsa tkun fil-periklu li tiġi mneħħija? Ser naslu fi stat fejn flok infejqu l-vera problema nispiċċaw inneħħu min-nofs dak li ġo moħħna nkunu ddikjarajna b'mod falz bħala theddida? Jistax ikun ukoll li din l-emenda ser tbexxaq il-bieb biex, bl-iskuża ta' saħħa mentali, nibdew nabortixxu t-trabi għal kull ħaġa ta' xejn, kif wara kollox diġà qed jiġri l-Ingilterra li għandhom liġi eżatt bħal din l-emenda li qed tiġi proposta f'pajjiżna?

Dan huwa t-taqlib li qed jimmarka l-bidu tas-sena l-ġdida. Fl-istess messaġġ li semmejt qabel, il-Papa jistedinna biex il-kriżijiet naffaċċjawhom b'responsabilità u b'kompassjoni. Huwa ferm faċli li nikkritikaw u niddiskutu mingħajr ma naraw x'nistgħu nagħmlu aħna u mingħajr ma nħossu l-polz ta' min ikun qed ibati fis-sitwazzjoni. Hu għalhekk fundamentali li aħna bħala nsara mhux biss nargumentaw u forsi wkoll nitlewmu bejnietna imma wkoll nagħmlu ġesti konkreti li jibdew fil-ħajja privata tagħna u jidħru fl-aġir tagħna fis-soċjetà li fiha ngħixu.

Jalla din is-sena li qed nibdew bit-taqlib nispiċċawha xi ftit aħjar. F'dan is-sens jalla jkollna sena tajba mimlija risq u hena u barka fil-Mulej!





# *Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalita'*

**Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permess ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalita'. Hawn taħt qed jiġu ppublikati l-messaġġi li l-Kunsill irċieva mingħand l-għaqdiet.**

## *Azzjoni Kattolika*

***Bernardette Vella***

Bħal dan iż-żmien tas-sena dejjem tasal l-istedina biex f'isem l-Azzjoni Kattolika nwassal l-messaġġ tiegħi. Fl-aħħar xahar u bidu ta' sena ġdida wieħed jitfa' ħarstu waħda lura u oħra l-quddiem. Ħafna drabi nsibu li nkunu bqajna l-istess nirrepetu l-istess żbalji, li kellna nagħmlu ma għamilniex. Tibda l-kantalena u kliemna dejjem jirrepeti l-istess diska.

*Illum għandna djar ikbar, iżda familji iżgħar * Għandna iktar kumditajiet, iżda inqas ħin. * Għandna iktar degrees, iżda inqas sens komun. * Għandna iktar esperti, iżda l-problemi żdiedu. * Għandna iżjed mediċina, iżda inqas saħħa. * Għandna bini għoli, iżda paċenzja iqsar u l-kantalena tkompli u ma tispiċċa qatt. Din is-sena wasslet fit-tmiem tagħha nħarsu 'l quddiem mela u ma nħallu xejn għall-okkażjonijiet speċjali għax kull ġurnata hi jum speċjali.

Diġa bdejna narmaw għall-Milied u nlestu l-maxtura tal-Bambin. Ġesu' jħallina nqegħduh fejn irridu aħna, nilgħabu bih, ma jgħid xejn. Kemm huma dawk fostna li jħarsu lejn Kristu bħala xi ħadd li nedhew bih, insawruh, naħkmuh u ninqdew bih skont il-ħtiġijiet u l-gosti tagħna.

Ejjew nieħdu dan iż-żmien tal-Avvent bis-serjeta billi inħallu lil Ġesu' jkun il-mexxej tagħna li jmexxina u jiggwidana hu. Meta aħna naqbdu triq oħra u ma nibqgħux mexjin wara Ġesu' allura jibda l-inkwiet u taħwid. F'Isem l-Azzjoni Kattolika nawgura l-Milied u s-sena t-tajba lil kulħadd.

## *Leġjun ta' Marija*



Għal darba oħra l-Leġjun ta' Marija fl-Għarb qed jilqa' bil-qalb l-istedina biex iwassal il-messaġġ tiegħu lill-qarrejja ta' 'Leħen il-Punent' f'dawn il-jiem sbieħ tal-Milied.

Hija drawwa li kellha l-bidu tagħha minn dak li kien għamel San Franġisk, li fid-djar, knejjes, skejjel, sptarijiet u postijiet oħra pujbbliċi, anke fil-beraħ, jintrama' il-presepju.

Illum se naqsam magħkom xi ħsibijiet tal-Papa dwar il-presepju.

Il-Papa Franġisku, b'dak il-mod tiegħu li jifhmu kulħadd, igħidilna li "Il-presepju huwa bħal Vanġelu ħaj, ħiereġ mill-paġni tal-Iskrittura Mqaddsa…. drawwa ferrieħa, li tiġbor fiha spiritwalità popolari mill-aktar għanja.

l-għeruq tal-presepju nsibuhom qabel xejn f'xi dettalji tal-Vanġelu tat-twelid ta' Ġesù f'Betlehem. L-evanġelista Luqa sempliċiment jgħid li Marija "wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda". Ġesù jitqiegħed f'maxtura, li bil-Latin hi *præsepium*, li minnha ġejja l-kelma *presepju*....

Meta daħal f'din id-dinja, il-post li sab l-Iben ta' Alla kien fejn il-bhejjem imorru jieklu. It-tiben isir l-ewwel sodda għal Dak li kellu jurina li hu 'l-ħobż li niżel mis-sema'"

Imbagħad il-Papa jkompli, "Spiss it-tfal – imma anki l-kbar – iħobbu jżidu fil-presepju pasturi oħra li donnhom m'għandhom l-ebda rabta mar-rakkonti tal-Vanġelu. Imma din l-immaġinazzjoni trid turina li f'din id-dinja ġdida mnedija minn Ġesù hemm wisa' għal dak kollu li hu għandu x'jaqsam mal-bnedmin u ma' kull ħlejqa. Mir-ragħaj għall-ħaddied, mill-furnar għad-daqqaqa, min-nisa qed iġorru l-bomblu tal-ilma għat-tfal jilagħbu…: dan kollu jirrappreżenta l-qdusija tal-ħajja ta' kuljum, il-ferħ li nagħmlu b'mod straordinarju l-affarijiet ta' kuljum, meta Ġesù jaqsam magħna l-ħajja divina tiegħu."

Il-Papa għandu wkoll twissija għalina,"Iva, il-Milied hu festa, imma fina dejjem tibqa' dik it-tentazzjoni li l-Milied nagħmluh festa 'il bogħod ħafna mit-tifsira ġenwina tiegħu. Meta l-Milied ma jibqax festa sabiħa tal-familja li f'nofsha hemm Ġesù – issir festa fejn inkunu moħħna biss fix-xiri, fir-rigali, u ħwejjeġ bħal dawn, filwaqt li l-Mulej jibqa' fil-ġenb, minsi."

Nittama li dawn il-ħsibijiet ikunu f'moħħna, speċjalment f'dawn il-ġranet tal-Milied.

Il-Leġjun ta' Marija jixtieq Milied Ħieni u s-Sena t-Tajba lin-nies kollha tal-Għarb u lil dawk kollha li, min għal ftit jiem u min għal żmien itwal, jogħoġobhom jiġu joqgħodu f'dan ir-raħal żgħir tagħna.

## *Għaqda tan-nar 31 ta' Mejju AD2013*



Kif ktibna meta għamilna l-messaġġ tagħna sew fuq ir-rivista il-miżjura u anke f'Tal-Virtut, il-ħajja ġiet lura għan-normalita' fejn tidħol ir-relazzjoni tagħna ma' xulxin ċioe li ninġabru bħala massa f'attivitajiet varji. Dan anke jawgura li fil-festa tagħna jerġa jiġi fis-seħħ dak li kien isir qabel il-pandemija. L-unika bidla li rajna u għadna rridu naraw aktar, huma l-prezzijiet li mhux xogħlna nidħlu fiha kif għolew u min jista' qed japprofitta ruħu mis-sitwazzjoni.

Aħna nistgħu nitkellmu fuq in-nar li jinħaraq fil-festa. Aħna bħala għaqda tan-nar li dejjem ħdimna n-nar għall-festa tagħna b'mod volontarju, din is-sena jidher li aktarx ser tkun l-ewwel sena li nar għall-festa mhu se naħdmu xejn u dan minħabba li post fejn jinħadem in-nar f'post legali m'għandniex. M'aħniex ser immorru nistaħbew x'imkien, naħdmu illegalment u noħorġu bin-nar fil-ġimgħa tal-festa, le. Dawk l-affarijiet ma nagħmluhomx aħna. Din is-sena in-nar tal-festa jkollu jinxtara u għal dan il-għan l-arċipriet flimkien mal-Għaqda tan-Nar 31 ta' Mejju ser jniedu skema kif tistgħu tikkontribwixxu biex fil-festa jkollna n-nar. Naturalment, tibqa l-problema mnejn ser jinxtara. Għawdex ġie diżabbli fejn tidħol il-piroteknika, problema li donnu mhu jagħti kasha ħadd għax kif ktibna fil-miżjura u tal-Virtut, kulħadd qed imur iġib in-nar minn Malta. Sakemm postijiet tan-nar ma jsirux f'Għawdex, il-problemi jikbru jistgħu. Ma rridu lil ħadd jgħid "ara dawn dejjem jokorbu," din hi l-verita.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min jagħtina s-sapport tiegħu fosthom l-Arċipriet, l-Parroċċa, s-Sindku u l-Kunsill Lokali, nawguraw is-sena l-ġdida mimlija risq u saħħa.

## *Għarb Rangers F.C.*

**Joe F Cauchi - President**

Għeżież residenti ta l-Għarb,

Għaddiet sena oħra, Milied ieħor u sena ġdida fejn il- ħidma ta' l-għaqdiet volontarjij ma taqta qatt u xejn inqas fil-club tal- Għarb Rangers. Tajjeb li wieħed jifhem u japprezza ix-xogħol fl-għaqdiet volontarjij varji meta ħafna mit-tradizzjonijiet, avvenimenti kulturali ,sport u l-mod ta kif ngħixu bħala pajjiż li jagħmilna uniċi jiddependi propju fuq ħafna xogħol volontarju. Fir-raħal tagħna għandna x-xorti li l Kunsill Lokali ta' l -Għarb propju jagħraf dan u jagħti l-importanza lil l-għaqdiet volontarjij tar-raħal u għalhekk aħna bħala Għarb Rangers FC nuru apprezzament enormi għal dan, fejn l-għajnuna li jagħti l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb lil l-għaqdiet volontarjij kollha hija mprezzabli.

Bħala club tal-futbol l-operat ta' kuljum biex inżommu it-timijiet tal-kbar u nursery,faċilitajiet u affarijiet oħra jinvolvi ħafna xogħol u spejjez u għalhekk minn hawn nappella biex kull min jista jgħati daqqa t'id bi kwalinkwa mod fil-club ikun hafna apprezzat. Naturalment ħafna jiffukaw fuq it-tim tal- kbar u l'andament tar-riżultati tiegħu fejn aħna nagħmlu dak kollu possibli biex dejjem ikollna tim kompetittiv dejjem fl-ambitu tar -riżorsi umani u finanzjarjij li jkollna . Pero barra dan il-club ukoll għandu l -obligu li jippromwovi l-isport f' kull eta speċjalment fit-tfal u ż-żagħżagħ u hawnhekk ukoll hemm bżonn ta' iżjed għajnuna volontarja u impenn minn kullħadd.

Fil- waqt li nirringrazzja mill-qalb lill kull min b' xi mod jaħdem u jgħin fil-club tagħna fil-present u anke dawk fil-passat nixtieq nawgura is-sena it-tajba lill kullħadd mimlija saħħa,hena u gid.

## *Għaqda Mużikali Viżitazzjoni*

**Adrian Formosa** – Segretarju




Għeżież qarrejja tal-fuljett Leħen il-Punent,

Għaddew Għoxrin sena min meta is-Sindku David Apap Agius flimkien ma erbatax il-persuna oħra min raħalna waqqfu il-banda tagħna. Ħafna ma bassrux li nibdew din l-għoxrin sena imma hawn qedin, naħdmu bla għeda għal raħalna. L-Għaqda Mużikali għaddiet min ħafna tlajja u inżull għax il bidu kollu iebes. Imma li tkompli għaddej mhix xi ħaga faċli xejn. Trid tkun dejjem innovattiv u frisk.

Bħalissa qedin f'fazi intressanti ħafna. Fil-waqt li ħergin min żmien fejn konna banda ġdida bla esperjenza, irridu naraw kif ha nerġgħu ninvvintaw lilna infusna biex niġġeddu u nattiraw talent ġdid. Dan il-talent ġdid irridu inzewquh ma dak li diġa għandna u b'hekk noħorgu min dik il-ftit tal-apatija li xi wħud minna daħlu fiha waqt żmien il-Covid.

Issa li il-proġett tal-każin hu avvanzat ħafna (għalkemm dejjem hemm x'tgħamel), il-viżjoni tagħna ser terġa iddur lejn il-banda. Fl-imkien mas-surmast u l-assistent tiegħu bdejn nitkelmu kif nistgħu noħolqu tagħlim iktar strutturat. Li noħolqu iktar attivita' mil-bandisti u l-aljievi fil-kazin. Kif nistgħu noħolqu każin li ikun dar li tattira iktar nies lejha. Dwar dan ser inkunu qedgħin naħdmu din il-sena.

Dan għandu ikun il-legat tal-Għoxrin sena anniversarju. Xi ħaga li tibqa u tħalli il-frott.

Jekk il-bambin irid, daqt ser jerġa jiftaħ il-bottegin tal-każin. Dan għandu jerġa jagħti il-ħajja lil kazin tagħna.

Bħala banda din is-sena kellna diversi impenjij. Il-qofol bħal kull sena kien il-festa. Is-sena ghal l-ewwel darba daqqejna fil-marċ tal-ġimgħa flimkien mas-servizzi l-oħra li is-soltu nagħmlu. Ixnexxielna ukoll nergħu nagħmlu il-programm ta' l-aħħar tas-sena bl-isem Dreams of Vienna li minħabba il-pandemija kien sar online u bla udjenza sentejn ilu u tħassar is-sena l-ohra. Daqqejna ukoll f'diversi servizzi min barra ir-raħal. Għal din is-sena qedin naħdmu ukoll biex inkomplu norganiżżaw iktar mużika u kultura.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil bandisti u l-kumitat, surmast u assistent u lil dawk kolla li jagħtu sehemhom flimkien mal-benefatturi. Is-sena it-tajba.

## *Assoċjazzjoni Maltija Espressjoni Arti - Għarb*

**Marica Farrugia** – Segretarja



Diċembru reġa' magħna u miegħu tasal il-Festa sabiħa tal-Milied. Diċembru huwa ukoll it-tmiem ta' sena li matulha kull wieħed u waħda minnha jesperjenza mumenti differenti. Aħna bħala Assoċjazzjoni ukoll irnexxielna nieħdu sehem fi proġetti diversi. Jien personalment kelli l-opportunita' li f'Awwissu li għadda nirrapreżenta lil raħalna u lil Malta ġol-Belġju fejn ma' grupp kbir ta' aktar min 100 persuna minn madwar id-dinja lestejna Infjorata ta' 70m x 24m ġol-qalba ta' Brussel.

F'Settembru, grupp ieħor telgħu Salou fi Spanja fejn hemm hekk attendew għal simpożju Internazzjonali, kif ukoll ħolqu tapit b'melħ ikkulurit, wieħed minn ħafna oħrajn li kienu esebiti mal-kosta ta' Salou. Dawn huma esperjenzi li jagħlmuna ħafna kemm bħala membri ta' Assoċjazzjoni kif ukoll personali.

Fuq skala lokali din is-sena reġgħa kellna l-grazzja li nagħmlu l-Infjorata tal-Festa. Kien ta' pjaċir kbir li wara nuqqas ta' dawn l-aħħar snin nerġgħu naraw lil għeżież patruni tagħna jgħaddu minn fuq it-tapit ta' petali tal-ward. Kienet sfida kbira minħabba r-riħ pero finalment id-disinn mhejji minn Michael Bajada tlesta fil-ħin mixtieq. Ftit qabel il-festa, b'kolloborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex, Kunsill tal-Għarb u Santwarju ta' Pinu lestejna b'melħ ikkulurit disinn li jfakkar il-100 sena mill-mewt ta' Karmni Grima. Disinn seta' jitgawda mill-pubbliku li żar is-santwarju fil-Festa tal-Madonna ta' Pinu u fil-ġimgħat ta' wara.

Daħal fil-kalendarju tagħna ukoll it-tapit li jsir għaż-żmien tal-ġimgħa mqaddsa. Disinn sabiħ mhejji minn Michael Bajada u ġie magħmul minn melħ ikkulurit. Ġie ippreparat taħt tinda tal-plastik trasparenti biex b'hekk kien protett mill-maltemp u tgawda għal iktar żmien.

Pjanijiet għas-sena l-ġdida hemm diversi, kollha għadhom iridu jiġu ppreparati b'ħafna ħin u dedikazzjoni mill-membri tagħna. Kull proġett ikun fih ħafna impenn imma l-għajnuna tal-membri ma tonqos qatt.

Nagħlaq billi f'ismi, f'isem il-kumitat u l-membri kollha nawguraw Milied hieni u sena ġdida mimlija saħħa u paċi lir-residenti tal-Għarb u lil qarrejja kollha ta' din ir-rivista.

## Fr Samuel Grech



Għaddiet sena oħra ta' ħidma għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna fi ħdan iċ-Ċentru Parrokkjali. Għall-grazzja t'Alla erġajna komplejna bl-attivitajiet tas-soltu wara li kellna nnaqqsu r-ritmu minħabba l-pandemija.

Il-laqgħat għall-adolexxenti komplew isiru kull nhar ta' Tlieta fis-7pm, waqt li dawk taż-żgħażagħ nhar ta' Ġimgħa fit-8pm. Fost l-attivitajiet li kellna matul din is-sena nsemmu:

- Laqgħa għall-adolexxenti ma membri tal-Jesuit Refugee Service li matulha immigrant mill-Iran irrakkonta l-esperjenza tiegħu;
- Żjara mill-adolexxenti lir-residenti ġewwa Villa San Lawrenz;
- Live-in f'Malta għall-adolexxenti;
- Ħarġa Malta għaż-żgħażagħ;
- Attivitajiet matul is-Sajf li kienu jinkludu *Welcome activity* lill-adolexxenti l-ġodda, ħarġa bid-dgħajsa għal Kemmuna u madwar Għawdex, *nighthike* u partita football. Insemmu wkoll li bi sħab mal-Kunsill Lokali organizzajna *Clean-up activity* għall-adolexxenti li ntemmet b'BBQ quddiem il-kappella ta' San Dimitri. Lejn l-aħħar tas-Sajf il-grupp taż-żgħażagħ kellhom esperjenza ta' safar ġewwa Ruma u Firenze fl-Italja fejn fost l-oħrajn żorna postijiet importanti fl-istorja tal-Kristjaneżmu;
- *Bake Sale* b'risq iċ-Ċentru li minnu ġbarna s-somma ta' € 778;
- Tqassim tal-punsjetti lill-morda u l-anzjani fi djarhom u fil-homes.
- Quddiesa f'għar naturali fix-Xagħra li daħħlitna fl-ispirtu tal-Milied. Wara morna nieklu flimkien.

J'Alla matul is-sena l-ġdida jkollna aktar esperjenzi flimkien li jkomplu jgħaqqduna bħala gruppi. Inħeġġeġ lill-ġenituri sabiex ikomplu jibgħatu lill-uliedhom għal-laqgħat ta' formazzjoni li jkollna kif ukoll għall-attivitajiet. Dan jgħin biex uliedna jkunu magħqudin flimkien u fl-istess ħin iżommu kuntatt mal-parroċċa. Nagħlaq billi nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-għajnuna tiegħu fejn kien hemm bżonn. Minn qalbi nawgura lil kulħadd kull barka għas-sena l-ġdida.







# Mill-Iskola Primarja Karmni Grima tal-Għarb fi ħdan il-Kulleġġ t'Għawdex

GC GOZO COLLEGE
KARMNI GRIMA PRIMARY SCHOOL GĦARB

Ninsabu f'sena skolastika oħra 2022/2023 u kif stajtu tinnotaw sar tibdil fl-isem tal-iskola - **Skola Primarja Karmni Grima tal-Għarb fi ħdan il-Kulleġġ t'Għawdex.** Fuq ix-xewqa tal-prinċipal tal-kulleġġ t'Għawdex, Dr Sean Zammit, kull skola f'Għawdex reġgħet ingħatat l-isem li kellha. Fil-każ tal-iskola tagħna kien Karmni Grima. Karmni Grima hija personaġġ important ħafna għar-raħal tagħna b'rabta speċjali mal-Bażilika Nazzjonali ta' Pinu. L-identita' ta' kull skola hija ferm important fil-kulleġġ t'Għawdex u tagħti dak l-*ethos* li jagħmel skola differenti minn oħra. Minħabba dan il-għan l-istudenti għamlu riċerka fuq Karmni Grima u saru xi proġetti varji. Bħala skola żorna l-Knisja ta' Pinu fejn l-arċipriet Fr Trevor Sultana kkonċelebra quddiesa u kif ukoll tana tagħrif dwar ħajjet Karmni.

Din is-sena kollox reġa' lura bħalma kien qabel il-pandemija. Kellna ż-żjara fostna ta' mart il-President tar-Repubblika s-Sinjura Miriam Vella. Dakinhar l-istudenti tagħna kantaw u żifnu mal-kantanta Mikela. L-istudenti ħadu tant pjaċir li mlew b'ferħ lil kull minn kien preżenti. Bħala skola, għandna ferm għal qalbna t-tfal li jinsabu fl-artijiet tal-missjoni. F'Novembru kellna fostna lil Peter Paul Galea tal- grupp popolari *Tribali* fejn iċċelebrajna *Jum Dinji tat-Tfal*. Fl-iskola tagħna huwa għamel *drum workshop* mat-tfal kollha. Peter Paul, jgħin lit-tfal tal-missjoni fl-Uganda, fil-Kenya u fil-Filippini. Il-flus miġbura, €770 marru kollha biex jgħinu lil tfal inqas ixxurtjati minna. Fil-fatt din l-attivita' ingħatat l-isem; CHILDREN HELPING CHILDREN. Ma' dan nixtieq inżid li grazzi għall-Kunsill Lokali tal-Għarb din is-somma telgħet għal €1000 minħabba li l-bqija tal-flus ingħataw donazzjoni mill-istess kunsill. Ġest sabiħ u nobbli mill-kommunita' kollha tal-Għarb.

Għaddejjin bħalissa tħejjiet għall-kunċert tal-Milied li ser isir fis-sala tal-iskola. Il-ġenituri ser ikunu fostna biex jaraw dan il-kunċert sabiħ imħejji b'tant sagrifiċċju mill-għalliema tal-iskola flimkien mal-istudenti kollha. Ninsabu tant ħerqana li ser jerġa' jsir u ferħanin li ser niċċelebraw dawn il-festi tal-Milied flimkien. Dawn huma ftit mill-affarijiet li jsiru matul il-ġranet tal-iskola, bħal kull sena komplejna ninvestu f'riżorsi u kotba li jgħinu fit-tagħlim. Ħa nkomplu nieħdu sehem f'diversi kompetizzjonijiet sew lokali kif ukoll internazzjonali bħal *Mental Math International Championship (SuperT)* fejn dejjem ksibna riżultati tajbin ferm. Ser inkomplu naħdmu biex l-**investiment ta' €3 miljun ta' tisbieħ estensiv** tal-iskola isir. Proġett ta' infrastruttura edukattiva, li permezz tiegħu se jgawdu l-istudenti u l-edukaturi fl-iskola tagħna. Il-proġett se jara li l-istudenti u l-edukaturi fl-iskola jkollhom ukoll ambjent adegwat biex jieħdu u jagħtu t-tagħlim tagħhom.

GOZO COLLEGE GHARB PRIMARY



Il-ħajja fl-iskola timxi b'mod tajjeb **GRAZZI** lill-għalliema, l-istaff kollu u dawk kollha nvoluti li jaħdmu mill-qalb u bla waqfien fl-interess tal-istudenti tal-iskola tagħna.

Nixtieq inwassal l-awguri tiegħi, ta' Ms Marion, tal-istaff u l-istudenti tal-iskola, għall- Milied Hieni u Qaddis u Sena Ġdida mimlija saħħa, mħabba u hena. Nieħu l-okkażjoni biex inħeġġikom issegwu l-paġna ta' *facebook* tal-iskola ***Għarb Primary School*** biex tkunu aktar infurmati b'dak li jkun qed isir fl-iskola. Nirringrazzjaw bil-quddiem li kull min jixtieq joffri xi għajnuna lill-iskola.

***Marthese Attard*** - Kap tal-Iskola





# PROĠETTI U INIZJATTIVI - 2022

**AED's**
Il-Kunsill Lokali tal-Għarb ħa l-inizjattiva u waħħal AEDs madwar il-lokalita tal-Għarb sabiex titjieb l-ewwel għajnuna medika fil-Lokalita' tagħna. Dawn il-postijiet huma Pjazza Żjara tal-Madonna, Pjazza Santu Pietru, Birbuba (ħdejn il-playing field), il-Hall tal-Kunsill u Ta' Dbiegi Crafts Village. Ma' dawn il-postijiet ser ikun hemm ukoll postijiet oħra li ser ikollom dan is-servizz. Il-Kunsill qassam flyer lir-residenti kif wieħed għandu juża l-AED f'każ ta' emerġenza.



***AED's***
*L-Gharb Local Council installed AEDs around Gharb locality to improve first aid in our locality. These places are Pjazza Zjara tal-Madonna, Pjazza Santu Pietru, Birbuba Street (near the playing field), The Council Hall and Ta 'Dbiegi Crafts Village. Apart from these places, the Council will be installing AED's in other areas around the locality so that this service will be extended to more areas. A flyer with how to use the AED in an emergency was distributed to residents.*

**Tisbieh Triq San Dimitri**
Il-Kunsill Lokali, bħala parti mill-proġett ta' tisbieħ fil-kampanja għamel xogħoljiet ta' rinovazzjoni fi Triq San Dimitri. Dawn il-postijiet qegħdin jiġu rinovati jew mibdula sabiex inħeġġu aktar nies igawdu dawn il-postijiet qalb in-natura.

***Renovations San Dimitri***
*The Local Council as part of the renovation project in the countryside carried renovations works in San Dimtri Street. These places are being renovated or changed to encourage more people to enjoy these places amongst the nature.*



***Tqassim ta' muturi liż-żgħażagħ tal-lokalita'***
Il-Kunsill ikompli jinvesti u jintroduċi aktar vetturi elettriċi. Nhar l-Erbgħa 6 ta' April, il-Kunsill Lokali qassam muturi elettriċi liż-żgħażagħ tal-lokalita' għat-tielet darba. Iż-żgħażagħ li rregistraw kienu mistiedna ġewwa l-Kunsill lokali biex jingħataw il-muturi elettriċi.

***Distribution of eco bikes for the locality youths***
*L-Gharb Local Council continues with his investment to introduce more eco-bikes. On Wednesday 6th April, the Local Council distributed eco bikes to the locality youths for the third time. The youths who registered were invited at the Local Council to collect their eco bike.*

**Via Crucis għal waqt il-Ġimgħa mqaddsa**
Bħala preparazzjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa l-Kunsill Lokali l-Għarb installa l-14 -il stazzjoni tal-Via Sagra fuq iz-zuntier tal-knisja. Din l-attivita' saret bl-għajnuna finanzjarja mill-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat tal-Wirt Kulturali. L-istampi kienu impittra mill-abbatini tal-lokalita' li saru taħt id-direzzjoni tas-Sur Michael Bajada. Grazzi lill-Arċipriet, l-abbatini u lis-Sur Michael Bajada tal-koperazzjoni biex setgħet issir din l-inizjattiva. B'adizzjoni ma' din l-inizjattiva, l-Kunsill stampa ktejjeb tal-via sagra bl-istampi li pittru l-abbatini stess u ngħataw diversi kopji lill-parroċċa bla ħlas.

***Via Crucis for the Holy Week***
*As part of the preparations for the holy week, l-Għarb Local Council installed 14 paintings representing the way to the cross on the church parvis. This initiative was funded by the Ministry for Gozo and the Cultural Heritage Directorate. The pictures were painted by the Għarb Parish altar boys under the direction of Mr. Michael Bajada. Thanks to Archpriest, altar boys and Mr. Michael Bajada for their cooperation so this initiative could be held. In addition to this initiative the Council published a booklet with the via Crucis that included the pictures the altar boys painted and copies were given to the parish for free.*

**Investiment fil-qasam tal-isports**
Il-Kunsill ħa l-inizjattiva biex jiġu sostitwiti d-dwal tal-ground fi Triq Tumas Cassar għall-floodlights LED sabiex jitnaqqas it-tniġġis u l-konsum. Aktar investiment biex nipproteġu l-ambjent tagħna, għalhekk aktar modernizzar tal-faċilitajiet sportivi u aktar titjib għall-ħajja aħjar għalina lkoll.

***Investment in the sports section***
*The Council took the initiative to invest more in*

*the sports section. The football ground lights were replaced by LED floodlights in order to reduce pollution and consumption. This investment will protect our environment which means modernizing sports facilities and further improving the lives of all of us.*

**Konferenza Internazzjonali**
Bejn l-14 u is-17 ta Lujlu , l-Kunsill lokali tal-Għarb b'kollaborazzjoni mall-fondazzjoni tar-riċerka Genista organizza konferenza internazzjonali fil-lukanda Kempinski dwar it-tema tal-parteċipazzjoni lokali taċ-ċittadini fid-demokrazija. Matul il-konferenza li għalija attendew is-Sindki, il-gvernaturi, u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn tmien pajjiżi differenti indirizzaw kwistjonijiet ta' kif jinstigaw ċittadinanza aktar attiva u parteċipazzjoni ċivika fit-tmexxija tal-muniċipalitajiet lokali.



***International Conference***
*Between the 14th and 17th July, the Gharb Local Council in collaboration with Genista research foundation has organised an international conference at the Kempinski hotel on the theme of local democracy-citizen participation. During the conference, attended by Mayors, governors and representatives of civil society from eight different countries they tackled issues of how to instigate more active citizenship and civic participation in the running of local municipalities.*

**Inawgurazzjoni ta' Van u mutur ta' l-elettriku**
L-Onorevoli Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli flimkien mall-Kunsill Lokali tal-Għarb inawguraw van u mutur li huma 100% jitħaddmu bl-elettriku, pass ieħor fid-direzzjoni t-tajba biex tkompli tiġi indirizzata l-problema tal-aċċessibiltà. Fil-jiem li ġejjin se nkomplu ninvestu f'aċċessibiltà akbar. Inkomplu noħolmu nkomplu nwettqu u ntejbu l-ħajja tar-residenti.



***Inauguration of a van and electric motorbike***
*The Honourable Parliamentary Secretary Alison Zerafa Civelli together with the Local Council of L-Għarb inaugurated a van and motorcycle which are 100% electric, another step in the right direction to further address the problem of accessibility. In the coming days we will continue to invest in greater accessibility. We continue to dream of continuing to perform and improve the lives of residents.*

**Primary Health Care Clinic**
Jirritorna s-servizz tas-saħħa tal-komunità fl-Għarb biex isservi wkoll l-inħawi tal-punent ta' Għawdex. Wara li s-servizz twaqqaf minħabba l-pandemija issa s-servizz qed jirritorna aktar komplut u b'ħinijiet itwal u servizzi ġodda.



***Primary Health Care Clinic***
*The health service returns in the community of Għarb to cater the western area of Gozo. After the service was terminated due to the pandemic, the service is now returning with more services and with longer opening hours.*

**Tqassim ta' stationery**
Bħal kull sena l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb qassam *stationery* għat-tfal ta' l-Iskola Primarja ta' l-Għarb. Inkomplu nappoġġjaw l-edukazzjoni ta' wliedna.



***Distribution of Stationery***
*Like every year the Għarb Local Council distributed a stationery pack for children at Għarb Primary School. We continue to support our children's education.*

**Kite and Wind Festival 2022**
Bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru sar il-ħames edizzjoni tal-Kite and Wind Festival fiż-żona ta' San Dimitri, l-Għarb. Il-festival sar b'kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Kunsill Lokali tal-Għarb u l-Ministeru għal Għawdex. Is-sema blu fuq iż-żona trasforma f'wieħed mimli tajr ikkuluriti, b'forom u daqsijiet varji. Eluf ta' nies inkluż familji bit-tfal, residenti,

Maltin u turisti ngħaqdu bi ħġarhom fl-Għarb Għawdex ma' numru kbir ta' fanatiċi u dilettanti tat-titjir tat-tajra fiż-żona ta' San Dimitri għal dan il-festival. Kienu bosta li waqfu jtajru t-tajra u bosta minnhom waqfu wkoll għall-ikel f'nofs il-kampanja f'ambjent miftuħ f'dan iż-żmien tal-ħarifa. F'dan il-ħames edizzjoni tal-festival tat-tajr u r-riħ kompla jikber fil-popolarità u jattira aktar pajjiżi biex jieħdu sehem. Bħal kull sena kellna parteċipanti minn madwar d-dinja kollha. Wara sentejn ta' waqfa reġgħu rritornaw il-workshops tat-tajr bla ħlas fejn it-tfal setgħu jesperjenzaw kif tinbena tajra mill-ġdid. Il-Festival reġa' kien ta' suċċess kbir u kien ta' attrazzjoni unika f'Għawdex u Malta.



***Kite and Wind Festival 2022***

*The 5th edition of the International Kite and Wind Festival was held at San Dimitri, l-Għarb between 15th and 16th October, 2022. This festival was organised by l-Għarb Local Council with the full collaboration of the Ministry for Gozo. The blue sky was transformed in a colourful one full of kites of all types and sizes. Thousands of visitors including families with children, residents and tourists willingly joined the foreign kite flyers. Most of the visitors also participated by flying their own kite while admiring the autumn atmosphere's countryside and fresh air. This festival's 5th edition continued to expand in its' population and attracted new countries to participate. Like every year we had participants from all over the world that took part in this festival. After a two-year of absences, the kite workshops returned where the children could experience how to build a kite free of charge. This festival was another huge success and was a unique attraction in Gozo and Malta.*

**Attivita tal-Qaddisin Kollha**

Il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa tal-Għarb organizza attivita' tal-Qaddisin Kollha lit-tfal tal-parroċċa fejn kienu imħeġġa jilbsu ta' qaddisin. Il-Kunsill qassam ktieb tat-tpinġija u muffin lit-tfal kollha preżenti.

***All Saints Activity***

*The Local Council with the collaboration of Għarb Parish organised All Saints activity where a mass was celebrated and children were encourages to wear as a saint. L-Għarb Local Council distributed a colouring book and a muffin for all the children present.* Waqt l-Attività tal-Qaddisin kollha l-Kunsill qassam xi ħelu lit-tfal. Din saret attivita fejn it-tfal ikunu jistennewha minn sena għal oħra sabiex jilbsu ta' xi qaddis filwaqt li jaqsmu il-ħelu flimkien.




**Opera Dawl Gdid**

Il-Kunsill Lokali l-Għarb bl-għajnuna finanzjarja tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali organizza Opera "Dawl Ġdid", Opera msejsa fuq il-leġġenda tal-Virtu ġewwa l-Knisja Bażilika u kolleġjata tal-Għarb. Kitba ta' Sebastian Saliba u John Saliba u mużika ta' Mro Ray Sciberras.

***Opera Dawl Gdid***

*L-Għarb Local Council with the financial assistance of the Department of Local Government organised an opera "Dawl Ġdid" , an opera based on the legend of Virtu written by Sebastian Saliba and John Saliba and music by Mro Ray Sciberras.*

**Christmas Village**

Il-Pjazza prinċipali tal-Għarb ġiet transformata f'Suq tal-Milied b'attrazzjonijiet differenti. Wieħed seta' jgawdi minn atmosfera ta' ferħ u divertiment stagjonali. Kien hemm numru tajjeb ta' kmajjar b'ħafna tipi differenti ta' ikel u xorb, kraft, café ħelu tradizzjonali. L-attrazzjoni speċjali kienet għal darb'oħra l-Ice Skating sintetika f'nofs il-pjazza li setgħu jgawdu dan il-mument eċitanti. Kien hemm attrazzjonijiet oħra fi ġranet differenti li jinkludu Santa Klaws , Bouncing castle u xelta ta' krafts. Din kienet attività oħra ta' suċċess li gawdew minnha l-familji kollha f'dawn il-Festi Staġjonali.

***Christmas Village***

*The main Square has been transformed into a Christmas Market with different attractions. One can enjoy an atmosphere of joy and seasonal entertainment. There were a good number of stalls with many different types of food and drinks, craft, traditional sweet café. The special attraction was once again the synthetic Ice Skating in the middle of the square where they could enjoy this exciting moment. There were other attractions in different days which include Santa Claus, Bouncing castle and a selection of crafts. This was another successful activity that the whole family enjoyed during these Seasonal Holidays.*

# L-Iskejjel fl-Għarb matul iż-Żmien

**Joseph Galea**

Il-popolazzjoni tal-Għarb kienet ta' 1126 fl-1766 u kibret għal 1611 fl-1801[1]. Id-Dekan tal-Kolleġġjata Dun Lawrenz Asciak (1731-1808) wara li kien wieħed mil-fundaturi tal-kolleġġjata u l-ewwel arċipriet tagħha fis-26 t'Ottubru 1808 ħalla fondi biex titwaqqaf skola fir-raħal tal-Għarb. Ħalla '*15-il-skud għal surmast tal-iskola biex igħallem il-grammatika lit-tfal u lin-nies tal-Għarb'* [2]. Is-surmast ta' din l-iskols kien ikun xi qassis mil-istess raħal u fost dawn insibu lill-Kanonku Dun Ġużepp Caruana (1809-1815), lil Dun Saver Galea (1816-1827), lil Dun Anġlu Manueli (1827-1829) u lill-Kanonku Dun Mikiel Anġlu Mizzi (1829-1856).[3] Dan it-tagħlim provdut mil-knisja baqa' sejjer sal-1859 meta fetħet l-ewwel skola tal-Gvern fl-Għarb li kienet it-tielet skola tal-gvern li nfetħet f'Għawdex u id-dsatax il-waħda f'Malta u Għawdex.[4] L-iskola infetħet uffiċċjalment fil-11 t'April 1859. L-iskejjel tal-gvern bdew jinfetħu f'Malta u Għawdex wara r-rapport tal-Kummissjoni Rjali magħmula minn John Austin u Robert Cornewall Lewis li bagħat il-Gvern Ingliż f'Malta fl-1836. Dan ir-rapport fost suġġerimenti oħra, ħeġġeġ lill-Gvern Kolonjali f'Malta biex jagħti spinta lill-edukazzjoni billi jinfetħu skejjel fil-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin u jimpjegaw l-għalliema biex jgħallmu ġo fihom.[5]

L-iskola primarja tal-bniet u s-subien infetħet fid-dar numru 172 Triq il-Knisja, kienet tikkonsisti fi klassi waħda[6] u kienet fornuta b'dak kollu li kienet teħtieġ[7] (Figura 1). Id-Direttur tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, il-Kanonku Pawlu Pullicino żar l-iskola tal-Għarb fit-8 ta' Lulju 1859 meta s-surmast kien ċertu Farruġia u fil- 5 ta' Ġunju tas-sena ta' wara meta is-surmast kien Lwiġi Borg[7]. Fl-1863, il-klassi nqassmet f'żewġ kategoriji, A u B wara suġġeriment ta' l-istess Pullicino[6]. Ma nstab xejn bil-miktub x'ġara fl-iskola bejn l-1863 u l-1875. Fl-1875, l-arkivji tal-iskola juru li s-surmast kien Gaetano Montanaro li kien mibgħut hemmhekk fit-13 ta' Lulju tal-istess sena. Meta fit-tnax t'Awwissu 1889 l-ispettur tal-iskejjel primarji Achille Ferris żar l-iskola, insista li tinfetaħ klassi filgħaxija (l-iskola ta' bil-lejl) biex l-adulti li fil-maġġoranza tagħhom kienu illetterati jitgħallmu jaqraw u jiktbu. Din il-klassi infetħet fis-6 ta'Marzu 1895 u mis-17 il-persuna li inkitbu, 12 biss kienu jattendu[8]. Is-surmastrijiet tal-iskola tal-bniet fl-1898 u fl-1899 kienu Maria Diacono u Ġużeppa Cefai rispetivament.



Figura 1. L-ewwel skola tal-Għarb f'numru 172 Triq il-Knisja, Għarb. 2005, mill-kollezzjoni tal-awtur

Fil-bidu tas-seklu għoxrin il-kwistjoni tal-lingwa tant kienet taħraq li fi żmien is-surmastrijiet Salvatore Caruana u P. Sammut il-ġenituri tat-tfal kienu mitluba jagħżlu x'lingwa bejn il-ingliż u t-taljan xtaqu li t-tfal tagħhom jitgħallmu u din l-għażla kellha ssir quddiem ix-xhieda[9].

L-ispetturi sanitarji kienu jżuru l-iskola regolarment u fl-4 ta' Diċembru 1908, l-ispettur sab li l-ilma fil-bir tal-iskola kien ikkontaminat u għalhekk ordna li l-iskola tkun fornuta b'tankijiet bl-ilma frisk u nadif. Fit-3 ta' Diċembru 1915, l-ispettur sanitarju ssuġerixxa li l-pjan terran kien umdu wisq u għandu jiġi miksi bil-madum[10].

Figura 2 turi ritratt tat-tfal subien u l-għalliema tagħhom li kienu jattendu l-iskola fl-1915. Wara l-ewwel gwerra dinjija l-Gvern Ingliż beda jħeġġeg lill-Maltin isiefru fil-pajjiżi tal-Commonwealth u ħafna rġiel mil-Għarb bdew jitħajjru. Tlett t'ijiem wara li l-Kaptan Albert Laferla, li kien Direttur tal-Edukazzjoni, żar l-iskola fl-10 t'Ottubru 1919, infetħet klassi għal-emigranti biex tgħin lil dawk li riedu jitgħallmu l-Ingliż qabel ma jemigraw u kienet imsejjħa 'Il-Klassi tal-Emigrazzjoni.' L-Klassi tal-Emigrazzjoni ngħaqdet mal-Iskola ta' bil-Lejl fid-29 ta' Frar 1932 u damet miftuħa sal-bidu tat-tieni gwerra dinjija (1941). Reġgħet infetħet fl-1945 u damet sa Mejju tal-1966.[11]

Fl-1926, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni kera post ġdid għal-iskola tas-subien u iktar tard fiha marru hemm il-bniet ukoll. Din l-iskola kienet numri 131,132 u 133 Triq il-Knisja ftit passi l-bogħod mil-iskola ta' qabel (Figura 3). Fl-1934 kienet saret estenzjoni ta' din l-iskola in-naħħa tal-Fgura. Il-pjanta ta' din l-estenzjoni tinsab fil-Figuri 4a[12] u 4b)[13]. F'din is-sena stess (1934) kienet saret proposta li tinkera dar fi Triq it-Trux u saret pjanta ta' kif tista' tiġi addata biex tiffunzjoni bħala skola (Figura 5)[14]. Din d-dar qatt ma nkriet u l-arranġamenti fiha biex tinbidel fi skola qatt ma saru għax kienet ittieħdet id-deċiżjoni li titkabbar l-iskola fi Triq il-Knisja li ġa kien hemm dak iż-żmien.

Is-saħħa tal-istudenti kienet indukrata u l-Uffiċċjal Mediku tal-Iskejjel kien jeżamina lill-istudenti regolarment u kienu jittieħdu

miżuri biex ma jinxteridx il-mard. Fis-6 ta' Mejju 1927 it-tabib tal-għajnejn Luigi Preziosi attenda l-iskola tal-Għarb biex jeżamina għajnejn it-tfal u ttratta 4 minnhom għat-trakoma[15].

F'din l-iskola, fl-1 t'Ottubru 1929 infetħet librerija pubblika f'din l-iskola biex it-tfal u l-adulti jkunu mħeġġin jaqraw. Lit-tfal kienu jieħduhom fuq ħarġiet edukattivi u nsibu li fl-1918 it-tfal żaru l-Fanal ta' Ġurdan u fis-16 ta' Ġunju 1935 telgħu abbord l-*HMS Resolution* li kienet ankrata fil-Bajja tax-Xlendi. L-iskola kellha żewġ surmastrijiet, wieħed għas-subien u ieħor għal bniet iżda fl-1934 ingħaqdu l-iskejjel tal-bniet u tas-subien taħt surmast wieħed li kien Rikkardu Buhagiar (1893-1988) minn Ħaż-Żebbuġ, Malta. Dan is-surmast kien magħruf għad-dixxiplina li kellu u ġab l-iskola l-quddiem ħafna. Dam surmast ta' din l-iskola sal-1954.

Ftit żmien wara li bdiet il-gwerra, xi suldati kienu ġew stazzjonati ġo parti mill-iskola u xi lezzjonijiet tal-iskola kienu jkunu nterrotti minħabba l-air raids. Fil-1942, is-suldati telqu mil-iskola u l-lezzjonijiet reġgħu bdew isiru bħal ma kienu jsiru qabel il-gwerra.[16]

Qabel ma daħlet il-liġi tal-attendanza obbligatorja fl-iskola sekondarja fl-1970, ħafna mit-tfal kien jagħmlu ħames snin fil-primarja u jitilqu mil-iskola biex jgħinu fir-raba u fix-xogħol tad-dar.

Għall-aħħar tas-snin ħamsin u l-bidu tas-snin sittin kien hemm impenn kbir biex jinbnew skejjel f'kull raħal u belt t'Għawdex. Dawn kważi kollha inbnew fuq disinn tal-Perit Joseph G. Huntingford (1926-1994) li kien assenjat mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi f'Għawdex mil-1951 sal 1961. Huntingford tħalla fil-liberta biex jiddisinja l-iskejjel kif xtaq hu. Kien perit b'idejat modernisti ta' wara t-tieni gwerra dinjija u kien jieħu l-ispirazzjoni mix-xogħol arkitetoniku ta' Alison u Peter Smithson[17] fost l-oħrajn u minn rivisti tal-arkitettura barranin bħal *Architecture Records* u rivisti oħra[18]. Kien jemmen fi spazji miftuħa, klassijiet mdawwla, kuruturi mgħottija f'soqfa tal-konkos iżda miftuħa mil-ġnub tagħhom. Waħda mil-iskejjel li ddisinja Huntingford kienet dik fi Triq il-Viżitazzjoni fl-Għarb (Figura 6)[19]. Maħduma bi tlett setturi fuq quddiem



Figura 2. Is-Subien u l-għalliema tagħhom fl-1915.




Figura 3. It-tieni skola tal-Għarb li ġiet mikrija mil-Gvern fl-1926. L-iskola eventwalment kienet tinkludi l-binja bil-gallerija twila (A), il-binja bil-gallerija u tieqa (B) u l-estenjoni tal-1934 (C). Google Maps, 2022




Figura 4a. Pjanta tal-ewwel pjan tal-iskola fejn turi fejn ġejja l-estensjoni[12].

mgħollija l-fuq mit-triq b'kuritur wiesa u parapett li jaqgħad is-setturi flimkien (Figuri 7 u 8). Mit-triq wieħed irid jitla' b'taraġ għal kull waħda minn dawn is-setturi (Figura 9). Il-faċċata ta' barra tal-entratura ta' kull settur maħduma bil- ħġieġ biex jidħol id-dawl ġol-entratura



Figura 4b. Proposta tal-estensjoni tal-1934 li saret[13].



Figura 5. Proposta dar fi Triq it-Trux biex tiġi mibdula fi skola[14].

spazjuża. Mal ġnub tal-entratura hemm tlett klassijiet fuq kull naħħa tagħha u fin-nofs fuq wara hemm il-latrini. Kull klassi għandha bitħa kbira fuq wara tagħha li tmiss mal bitħa tal-klassi tas-settur l-ieħor u l-ħajt tal-bitħa u magħmul mil-ħġieġ biex b'hekk jidħol ħafna dawl fil-klassijiet. Wara dawn is-setturi hemm playground kbir li f'nofsu hemm għadira artifiċjali mdawwra biċ-ċagħaq u pjanti. Wara l-playground hemm tliet blokok ta' bini mdaqqsin bi spazju konsiderevoli bejnithom. F'dawn il-blokok Huntingford ddisinja postijiet għall-uffiċċi, l-istaff rooms tal-għalliema, klassijiet speċjalizzati għal-mużika u l-arti, klassi kbira għat-tfal tal-kindergarten, kamra għal-purtinari u store rooms[19].

L-iskola infetħet mil-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien, Sir Guy Grantham fit-23 ta' Marzu 1961 u tbierket mil-Isqof t'Għawdex Monsinjur Ġużeppi Pace fil-preżenza tad-direttur tal-Edukazzjoni il-Kavallier J.P. Vassallo. Fl-1970 parti mil-iskola kienet tilqa' studenti sekondarji iżda sentejn wara din għalqet u baqgħet biss l-iskola primarija tal-Għarb iddedikata lil Karmela Grima. Illum f'parti minn din l-iskola hemm l-uffiċini tal-Kunsill Lokali, uffiċju tal-Maltapost, l-Għassa tal-Pulizija u Ċentru tas-Saħħa.

Nota: Nirringrazzja lill-Perit Salvu Micallef li bil-paċenzja kollha iddeċifrali d-disinn tal-pjanti li jinsabu f'din il-kontribuzzjoni.




Figura 6. Pjanta tal-Iskola tal-Għarb iddisijata mil-Perit Joseph Huntingford[17].




Figura 7. Dehra mil-ajru tal-Iskola tal-Għarb iddisinjata mil-Perit Joseph Huntingford. Google Maps, 2022.



Figura 9. Taraġ li jaghti mit-triq il-Viżitazzjoni għal wieħed mis-setturi. 2022, mil-kollezzjoni tal-awtur.

**Referenzi**

1. Status Animarum. Arkivji tal-Parroċċa tal-Għarb. Volum 1.
2. Camilleri Salvatore. Ġrajjiet il-Kolleġġjata tal-Għarb. Gozo Press, 1974.
3. Camilleri Salvatore, Galea Joseph, Edituri. L-inkurunazzjoni tal-Madonna fl-Għarb (f'egħluq it-300 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa 25 ta' Lulju 1979) paġna 13.
4. Registro della scuola di Casal Garbo, Gozo (1859-1885) Għarb Boys School fol. 2.
5. *Copies or extracts of Reports of the Commissioners Appointed to Inquire into the Affairs of the Island of Malta, and of Correspondence Thereupon [Part 2]* (printed in London for the House of Commons, 1838).
6. Formosa Patrick. A History of Għarb. BA (Ġenerali) Dissertation. Universita ta' Malta,1973 paġna 118.
7. Formosa Patrick. A History of Għarb. Salesians of Don Bosco, Malta (2018) paġna 130.
8. Formosa Patrick. A History of Għarb. BA (General) Dissertation. Universita ta' Malta, 1973 paġna 121.
9. Ibid paġna 122.
10. Ibid paġna 123.
11. Ibid
12. Map and Plan Archives, Public Works Department, Floriana Section 38C plan number 165B.
13. Ibid Plan number 165A.
14. Ibid Plan number 162.
15. Formosa Patrick. A History of Għarb. Salesians of Don Bosco, Malta (2018) paġna 133.
16. Għarb Boys School Log book 1940-53 pagna 38.
17. https://peoplepill.com/people/joseph-g-huntingford (aċċessat fit-23 ta' Diċembru 2022)
18. Farrugia Jason Joe.The Art and Architecture of 20th Century Gozo: the aspirations and limitations of small island community. MA (History of Art) 2009, paġna 159 footnote 44.
19. Map and Plan Archives, Public Works Department, Floriana Section 38C plan number 225.



Figura 8. Il-Faċċata tal-Iskola bi tliet setturi ugwali magħqudin b'kuritur u parapett. 2005, mill-kollezzjoni tal-awtur.

# ROKNA SAĦĦA

## Il-Professjoni ta' Infermiera



*Jahel Brooke*

Min minna qatt ma tilef xi ħaġa? Meta jiġrilna hekk insibu ruħna f'diffikultà. Meta pereżempju nitilfu ċ-ċwievet, il-mowbajl, jew xi flus tagħtina rasna u ma noqogħdux bi kwietna sakemm insibuhom. F'mumenti bħal dawn nibdew nippruvaw niftakru meta u x'ħin inkunu wżajnihom l-aħħar jew fejn stajna ħallejniehom. Nispiċċaw immorru nfittxu bit-tama li nsibu l-oġġett li nkunu tlifna u nibqgħu ninterrogaw lilna nfusna sakemm insibu dak l-oġġett partikulari. Nibqgħu nfittxu anke saħansitra fl-istess post, għax nimmaġinaw li l-oġġett mitluf ikun quddiem għajnejna u ma nkunux qegħdin narawh. Meta mbagħad b'xorti tajba nsibu dak l-oġġett li nkunu tlifna, inħossu fina sens ta' sodisfazzjon u napprezzaw aktar dak l-oġġett li nkunu tlifna.

Huwa propju fil-mument li nitilfu xi ħaġa partikulari li nifhmu l-valur tagħha. Din il-verità nistgħu napplikawha wkoll fejn tidħol is-saħħa tal-bniedem. Meta pereżempju xi darba nqumu filgħodu u ma nħossuniex f'sikkitna, nibdew napprezzaw aktar is-saħħa tagħna. Is-saħħa tal-bniedem hija xi ħaġa mill-aktar prezzjuża, u sfortunatament jiġrilna li napprezzawha aktar meta din ma tkunx fl-aħjar tagħha jew saħansitra meta nitilfuha. Qed ngħid dan il-kliem għax il-professjoni tiegħi bħala infermiera ta' spiss tlaqqgħani ma' diversi persuni li jgħixu jew jesprimu din il-verità marbuta mas-saħħa tagħhom jew ta' oħrajn. L-għan ewlieni ta' kull infermier jinkludi l-ħarsien u l-promozzjoni tas-saħħa ta' persuni oħrajn, il-prevenzjoni tal-mard, u l-kura ta' nies morda. Barra minn hekk, fil-professjoni tiegħu kull infermier għandu jfittex li jikkontribwixxi għal ambjent sikur, riċerka, u edukazzjoni bl-għan ewlieni li titħares u titpoġġa fuq quddiem is-saħħa tal-pazjenti.

Is-snin tal-istudji tiegħi għal din il-professjoni laqqgħuni ma' diversi kategoriji differenti ta' pazjenti. Kull kategorija tatni esperjenza li għinitni kemm fl-istudji tiegħi kif ukoll biex nibni aktar fis-sod din il-karriera tiegħi. Propju nhar il-25 ta' Novembru 2021 jien iggradwajt bħala infermiera mill-Università ta' Malta. Minn dakinhar 'il quddiem ħdimt flimkien mal-anzjani residenti ġewwa r-residenza San Vinċenz de Paul. Din ir-residenza ġiet imwaqqfa bl-għan li tipprovdi servizzi relatati mal-benessri tal-anzjani. Bħalissa din ir-residenza tilqa' fiha madwar elf u mitejn anzjan u anzjana. F'din ir-residenza l-anzjani jingħataw ħafna servizzi bħal *physiotherapy, occupational therapy, speech and language pathology, podiatry* u oħrajn. Fir-residenza hemm diversi gruppi li jorganizzaw ħafna attivitajiet għall-anzjani. Insemmu l-Quddiesa ta' kuljum, il-kunċerti tal-Milied, il-festa ta' San Vinċenz de Paul, l-ikliet, il-barbecues fis-Sajf, u ħarġiet kulturali fost l-oħrajn. Dawn l-attivitajiet ikunu mumenti importanti li jgħinu lill-anzjani jibqgħu attivi filwaqt li jżommu ħaj bejniethom is-sens ta' komunità.

Bħal kull xogħol ieħor, ix-xogħol tiegħi bħala infermiera jirrikjedi ħafna dedikazzjoni għar-residenti, speċjalment dawk morda. Dan ifisser li bħala infermiera trid tkun kapaċi tifhem minn xiex ikunu għaddejjin dawn l-anzjani meta ċ-ċirkustanzi jkunu jitolbu li jinħarġu mid-dar tagħhom u jiġu joqogħdu ġo din ir-residenza permanenti. Għal ħafna mill-anzjani dan il-pass ma jkunx wieħed faċli, u għaldaqstant ikollhom bżonn ta' ħafna sapport. Fuq livell prattiku, ix-xogħol tiegħi bħala infermiera f'din ir-residenza jirrikjedi fost l-oħrajn li nipprovdi t-terapija meħtieġa skont il-bżonn tal-anzjan li jkun marid, it-tqassim tal-pinnoli u mediċini oħrajn, kif ukoll il-kura tal-feriti li jiġu kkawżati minn ħin fit-tul fis-sodda.

Ix-xogħol marbut mal-professjoni tiegħi m'huwiex xogħol li jsir b'mod individwali, anzi huwa meħtieġ li jsir f'kollaborazzjoni mal-kollegi tiegħi. L-għan tiegħi u ta' sħabi huwa dak li naħdmu flimkien bħala grupp biex noffru l-aqwa servizz għall-anzjani tagħna. Barra mix-xogħol bażiku tiegħi ta' infermiera li għadni kif semmejt, jien nieħu gost inqatta' ftit tal-ħin nitkellem mal-anzjani, speċjalment dawk li jkunu waħedhom. Sfortunatament, numru sostanzjali tal-anzjani residenti ma jkollhomx min iżurhom, u kawża ta' dan iħossu ħafna solitudni. Jien u l-kollegi tiegħi nippruvaw nagħmlu kull mezz biex inkunu preżenti għal ftit tal-ħin ħdejhom, iżda dan mhux dejjem ikun possibbli għax jiġu mumenti fejn ix-xogħol tagħna ma jkunx jippermetti li nqattgħu dan il-ħin ħdejn l-anzjani. Ma nistax ma nsemmix il-pandemija tal-COVID-19 li affettwat kemm is-saħħa tal-anzjani kif ukoll iż-żjajjar li kienu jsirulhom. Iż-żmien tal-pandemija kien żmien diffiċli peress li l-qraba tar-residenti ma setgħux jiġu jżuruhom minħabba t-tixrid tal-mard. Kulħadd jaf li l-anzjani huma mill-aktar persuni vulnerabbli, u għalhekk huwa importanti li jiġu protetti bl-aħjar mod possibbli.

Fl-aħħarnett, nista' ngħid li l-professjoni tiegħi bħala infermiera mal-anzjani f'din ir-residenza hi waħda pjuttost impenjattiva. Minkejja l-fatt li dan ix-xogħol jieħu ammont ta' enerġija, jimlieni b'ħafna sodisfazzjoni. Kull ġurnata u kull sitwazzjoni li niltaqa' magħha toffrili sfidi ġodda, iżda tgħinni napprezza aktar is-saħħa tal-bniedem. Ħafna drabi matul il-vjaġġ tar-ritorn lura lejn Għawdex wara xi ġurnata xogħol, insib lili nnifsi naħseb fuq din il-ħaġa. Id-diskursati ħelwin li jkolli mal-anzjani u l-gratitudni li jesprimu miegħi xi wħud minnhom huma fost l-aqwa mumenti li jimlweni b'dik l-enerġija li jkolli bżonn biex nibqa' noffrilhom l-aqwa servizz possibbli għas-saħħa tagħhom. Fuq kollox, il-professjoni tiegħi bħala infermiera hija esperjenza li fir-rutina tagħha dejjem se tlaqqgħek ma' xi ħaġa differenti li tgħinek twettaq ix-xogħol tiegħek b'dedikazzjoni.



**_Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb. Għamel użu minnhom!!!_**

**_Services offered by l-Għarb Local Council. Make use of them!!!_**



**IL-KUNSILL MIFTUĦ GĦALL-PUBBLIKU:**
Fix-Xitwa: mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u t-3.00pm
nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am
Fis-Sajf: mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u n-12.30pm
nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

***THE COUNCIL IS OPEN TO PUBLIC:***
*Winter: Monday to Friday between 8.00am and 3.00pm*
*Saturday between 8.15am and 11.15pm*
*Summer: Monday to Friday between 8.00am and 12.30pm*
*Saturday between 8.15am and 11.15am*

**TRID TGĦADDI XI LMENT JEW GĦANDEK XI SUĠĠERIMENT?**
Mela ċempel fuq 21560556 jew ibgħat email fuq gharb.lc@gov.mt

***YOU WANT TO MAKE A COMPLAINT AND/OR YOU HAVE A SUGGESTION?***
*Then call on 21560556 or send an email on gharb.lc@gov.mt*



**LIBRERIJA PUBBLIKA ĠEWWA L-KUNSILL LOKALI**
**– Issib għażla vasta ta' kotba għal kulħadd!!!**
Ħinijiet tal-ftuħ: It-Tlieta mit-8.30am san-12.30pm
Is-Sibt mit-8.30am sal-11.00am
***PUBLIC LIBRARY AT THE LOCAL COUNCIL***
***– A large variety of books for all to choose from!!!***
*Opening hours:*
*Tuesdays – 8.30am – 12.30pm*
*Saturdays – 8.30am – 11.00am*

**SERVIZZ TA' WIFI MADWAR L-GĦARB FL-INĦAWI TA':** Triq l-Għarb – Triq il-Viżitazzjoni – Triq Tumas Cassar – Triq Santu Pietru – Triq il-Madonna tal-Virtut – Pjazza Gerano – Pjazza Praga – Triq l-Isqof Mikiel Molina – San Dimitri – Wied il-Mielaħ

***Free WIFI service around Għarb at:*** Triq l-Għarb – Triq il-Viżitazzjoni – Triq Tumas Cassar – Triq Santu Pietru – Triq il-Madonna tal-Virtut – Pjazza Gerano – Pjazza Praga – Triq l-Isqof Mikiel Molina – San Dimitri – Wied il-Mielaħ



**ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU, ORGANIKU U TAR-REĊIKLAĠĠ**

**Inżommu l-indafa fil-lokalita'......**

Nota importanti – Dejjem oħroġ il-borża tal-iskart sa sija qabel il-ħin tal-ġbir u ħallih wara l-bieb tiegħek.




**ORGANIC:** Cheese, Coffee, Cooked food, Leftovers, Cooked or raw meat, Dairy products, Egg and egg shells, Expired food (without packaging), Fish, Flowers, Fruit & vegetable peels, Honey, Leaves, Pasta, Raw food, Rotten fruit & vegetables, Soiled newspapers, Soiled napkins, Sugar, Tea bags, Tea leaves, Spreads (eg honey and butter), Nut shells, Seafood shells

**MIXED:** Adhesive tape, Soiled aluminium foil, Baking paper, Broken ceramics / pyrex, Dirty food wrappers, Cellophane tape, Dirty-take away boxes, Foil coated packets, Dust, Polystyrene, Labels, Photographs, Plant pots, Used sponges, Sanitary items, Shoes, Hair (human & animal), Small broken mirrors, Stickers, Toothpaste tubes, Used cleaning materials, Used rubber gloves, Used floor cloths, Wax paper, Wet wipes, Cigarette butts & ashes, Candles, CDs, snack packets, Toothpicks, Ice lolly sticks and wooden skewers, Twigs, Sanitary Items, Animal waste and pet litter, Nappies

**RECYCLED:** Aluminium trays & foil (clean), Beverage cans, Cardboard, Carton food boxes (clean), Cooking oil bottles, Cosmetic containers (clean), Detergent bottles (empty container), Detergent boxes, Food cans, Jar lids, Liquid soap container (empty), Magazines, Plastic bottles, Margarine tubs (clean), Metal caps, Milk and Juice cartons, Newspapers, Notebooks, Paper, Paper bags (clean), Plastic bags (clean), Plastic caps, Plastic containers, Plastic food packets, Plastic bottles, Shampoo bottles (empty), Shower gel bottles (empty), Spray cans (empty), Take-away boxes (clean), Toilet paper rolls, Toiletries (clean containers), Yoghurt containers (clean)




***DOMESTIC, ORGANIC AND RECYCLED REFUSE COLLECTION***

***Keeping the locality clean.....***

*Important note – Always take the refuse bag out within one hour before collection time and always leave it infront of your door.*

**KONTENITURI TAR-RIĊIKLAĠĠ OFFRUTI 24 SIEGĦA KULJUM FI TRIQ IL-VIŻITAZZJONI...**

- **Tal-karti** – bin abjad
- **Tal-metal** – bin iswed
- **Tal-plastic** – bin blu
- **Tal-ħġieġ** – bin kannella
- **Tal-ħwejjeġ** – kaxxa apposta blu
- **WEEE – skart elettroniku żgħir** – ġo kaxxa ħadra apposta
- **Tal-batteriji** – kontenitur ġewwa l-Kunsill Lokali
- **BCRS Bin** – għal depożitu tal-flixken tal-plasic u tal-ħġieġ

***RECYCLED REFUSE BINS OFFERED 24-HOUR EVERYDAY AT TRIQ IL-VIŻITAZZJONI...***

- ***Paper –*** *white bin*
- ***Metal –*** *black bin*
- ***Plastic –*** *blue bin*
- ***Glass –*** *brown bin*
- ***Clothes –*** *Blue box*
- ***WEEE – small electronics refuse –*** *Green netted box*
- ***Battries –*** *container at the Local Council*
- **BCRS Bin** – deposit for plastic and glass bottles



**SERVIZZ TA' OPEN SKIP - Triq Tumas Cassar – fid-9.00am is-Sibt**
**Dan is-servizz provdut biss għar-residenti bl-ID card.**

- Ma jistax jintrema – materjal elettroniku u ta' kostruzzjoni (bħal ġebel, madum, terrapien, eċċ). Ara l-kalendarju li tqassam mill-Kunsill għad-dati tas-servizz offrut matul is-sena 2023.

***OPEN SKIP SERVICE – Triq Tumas Cassar at 9.00am on Saturday***
***This service is provided only to ID card holder residents.***

- *Electronic and construction material cannot be disposed in this skip. See the calendar distributed by the Council for this service dates during 2023.*

**SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART GOFF BIEB BIEB BLA ĦLAS**
Ċempel il-Kunsill biex tirresġistra għal dan is-servizz billi ċċempel fuq 21560556.

***FREE SERVICE - DOOR TO DOOR BULKY SERVICE***
*Call at the Council on 21560556 to register for this service.*





**ĦLASIJIET AĊĊETTATI MILL-KUNSILL TAL-GĦARB**

- Liċenzji tal-ħwienet
- Kontravenzjonijiet
- Raba' tal-Gvern
- Permessi

***PAYMENTS ACCEPTED AT THE LOCAL COUNCIL***

- *Shop licences*
- *Contraventions*
- *Government land rent*
- *Permits*

**MANUTENZJONI TAD-DAWL TAT-TOROQ**
Irraporta ħsarat tal-bozoz tat-triq billi ċċempel il-Kunsill u importanti li tindika n-numru tal-bozza li jkun imwaħħal mal-istess bozza.

***STREET LIGHTHING MAINTENANCE***
*Report bulbs not functioning and intermittant by calling the Local Council and indicate the number fixed with the lamp that need maintenance.*





**ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM GĦALL-ANZJANI RESIDENTI**
Servizz b'xejn għall-anzjani residenti kull nhar ta' Tnejn.

***DAY CENTRE FOR THE ELDERLY RESIDENTS***
*Free service for the elderly residents every Monday*

**F'KAŻ TA' KOLLUŻJONI ċemplu fuq 21320020**

**In CASE OF A COLLISION ACCIDENT call on 21320020**



# Children's Corner

## The Lion And The Mouse

A lion was once sleeping in his den when a mouse started running up and down his body just for fun. This woke up the lion and he was quite angry. He was about to eat the mouse when the mouse pleaded with the lion to set him free. "I promise you, I will be of great help to you someday if you spare me." The lion laughed at the mouse's confidence and let him go.

One day, a few hunters came into the forest and trapped the lion in a net.. They tied him up against a tree. The lion started to roar and struggled to free himself. Soon, the mouse walked past and noticed the lion in trouble. He ran and called his friends for help. Together they gnawed on the ropes to set the lion free. They ran off into the jungle and remain friends thereafter.

**Moral: A small act of kindness can go a long way.**








# RIĊETTI



Liza Frendo

## IL-ĦARUF



***Ikollok bżonn:***

- Spalla tal-ħaruf
- Kuċċarina melħ
- Nofs kuċċarina bżar
- Żewġ bottijiet polpa
- 4 imgħaref ħall
- 150 ml ilma
- Fergħa żgħira iklin
- 500g patata żgħira

***Kif tagħmel:***

1. Ogħrok l-ispalla tal-ħaruf bil-melħ u bil-bżar
2. Poġġi fid-dixx u ferra t-tadam, il-ħall u l-ilma fuqha
3. Poġġi l-iklin fil-wiċċ
4. Għattiha bil-'foil' tal-fidda jekk id-dixx ikun bla għatu. Aħmi l-forn jaħraq fuq 'gas mark 6' jew '400' għal nofs siegħa, imbagħad naqqas is-sħana għal 'gas mark 4' jew '355' għal sagħtejn oħra.
5. Siegħa qabel ma jkun sar il-ħaruf, ferra misħun jagħli fuq il-patata u poġġi fuq in-nar sakemm jagħli u ssir il-patata.
6. Saffi l-patata, poġġiha madwar il-ħaruf. Ferrex ftit meraq minn tal-ħaruf fuqha u erġa' għattiha mill-ġdid. Ħalli fil-forn għall-aħħar siegħa.
7. Poġġi z-zalza f'reċipjent ħalli dak li jkun jista' jieħu aktar zalza.

## SPAGETTI BIL-BASAL, TIĠIEĠA U TADAM



***Ikollok bżonn:***

- 150g basal
- Mgħarfa żejt
- 4 sinniet tewm
- 400g ikkapuljat tat-tiġieġa
- Kuċċarina 'mixed spice'
- 500g tadam 'sliced'
- 3 magħref tursin mqatta' rqiq
- 1 magħrfa nagħnieh mqatta' rqiq
- 500g spaggetti

***Kif tagħmel:***

Qaxxar u qatta' rqiq il-basal. Sajjar il-basal maż-żejt f'kazzola sa ma jirtab, żid it-tewm, it-tiġieġa, 'mixed spice'. Sajjar sa ma issir it-tiġieġa. Sajjar l-ispaġetti fl-ilma jagħli. Saffi mil-ilma u ħallat miegħu t-taħlita tat-tiġieġa ġo kazzola. Issa żid it-tadam, in-nagħnieh u t-tursin. Sajjar għal ħames minuti. Servi bit-tursin mqatta'. Isservi 4 persuni.

## SOPPA TAL-KARROTTI



***Ikollok bżonn:***

- Basla mqatta' irqiq
- 2 mgħaref butir
- 6 karroti imqaxxrin u mqattgħin 'slices' ta' nofs cm
- Nofs kuċċarina ginger
- Nofs kuċċarina 'cinnamon'
- ¼ ta' kikkra 'dry sherry'
- ½ kikkra 'cream'
- Bżar, melħ u tursin biex iżżejjen

***Kif tagħmel:***

F'kazzola sajjar il-basal fil-butir, ħawwad sa ma jsir artab. Żid il-karrotti, ginger u 'cinnamon' u sajjar għal minuta. Żid il-brodu u ħallih sa ma jiftaħ jagħli u wara sajjar b'nar baxx għal 20 minuta sa ma jsiru l-karrotti. Poġġi it-taħlita ġol-'blender', wara poġġi t-taħlita ġo kazzola u żid ix-'Sherry' u l-'cream' u għolli għal 5 minuti. Żid is-soppa bil-melħ u bżar u bit-tursin mqatta'. Isservi 4 persuni.

## TIĠIEĠ



***Ikollok bżonn:***

- ½ Basla mqaxxra u mqatta 'slices'
- 2 sinniet tewm mqattgħin
- 6 qarabagħlijiet żgħar maqsumin 'slices'
- Bżaru isfar, ieħor aħmar imnaddfin u maqsumin biċċiet
- 6 Imgħaref żejt taż-żebbuġa
- 6 koxox tat-tiġieġa
- 4 tadamiet maqsumin biċċiet

***Kif tagħmel:***

1. Saħħan l-forn fuq gas 6, 190C jew 375F.
2. Poġġi l-basla, t-tewm, il-qarabagħlijiet u l-bżar fi sjuna u roxx iż-żejt fuqhom, roxx ftit bżar u melħ u ħawwad sewwa biex il-ħaxix jitħallat kollu maż-żejt.
3. Poġġi l-ħaxix f'dixx baxx u poġġi l-koxox tat-tiġieġa fil-wiċċ. Irranġa l-ħaxix imħallat fil-wiċċ u aħmi għal madwar 50 minuta.
4. Qassam it-tadam fil-wiċċ, ħallih jinħema għal 20 minuta jew sa kemm il-ħaxix isir. Ara li l-koxox tat-tiġieġa jkunu saru sal-qalba. Jekk tara li jkun baqa xi demm magħhom kompli aħmihom għal aktar ħin biex isserraħ rasek li saru tajjeb biex jittieklu.



# 2022 Mid-Djarju tal-Kunsill

**9 ta' Frar** – Il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb bil-kollaborazzjoni ma' Beta Entertainment Theater Academy ippreżentaw serata għall-familja kollha. Din is-serata saret fil-Pjazza tal-Għarb f'atmosfera rilassanti u sabiħa għall-okkażjoni ta' Jum San Valentinu. Din is-serata ġiet imtella' bl-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għal Għawdex.





*9th **February** – L-Għarb Local Council in collaboration with Beta Entertainment Theater Academy presented an event for all the family. This event took place in a comfortable and relaxing atmosphere in Għarb Square for the occasion of St Valentines' day. This event was held with the financial assistance of the Ministry for Gozo.*

**31 ta' Marzu – Saret laqgħa ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali** minn Medinea u l-programm Erasmus+ organizzat minn ARC research & consultancy bis-sapport tal-Kunsill Malti għall-Arti, il-Ministeru għall-Għawdex, Id-Direttorat għall-Wirt Kulturali t'Għawdex, il-Kunsill Lokali tal-Għarb u l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni.




***31st March –** Medinea Gozo Session 2022 was held by Medinea and the Erasmus + programm organised by ARC Research & Consultancy. This session was held with the collaboration of the Maltese Arts Council, Ministry for Gozo, Gozo Heritage Directorate, l-Għarb Local Council and Għaqda Mużikali Viżitazzjoni.*

**10 ta' April –** Il-Grupp EspressjonArti Għarb kreja infiorata tal-melħ fuq disinn tas-Sur Michael Bajada bit-tema tal-Għid ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Intramat tinda fuq din l-Infiorata sabiex tiġi protetta mill-elementi tat-temp, sservi aktar u tkun tista' tiġi ammirata minn bosta. Grazzi lill-Grupp tax-xogħol siewi li għamel.



***10th April –** The group EspressjonArti Għarb created a salt infiorata on a design by Mr. Michael Bajada with an Easter theme. This infiorata held at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna was covered with a dome tent so that it can be protected by the weather elements, remain intact for longer and could be admired by many. Well done to the group for their impressive works.*

**1 ta' Mejju –** Ittellgħet attivita' Community Services Day bl-involviment tal-Community Police fejn ġew biż-żwiemel, karozzi, muturi u segways kif ukoll tal-Lesa.

Kien hemm demostrazzjoni ta' First Aiders mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u mill-Protezzjoni Ċivili. Il-Kunsill qassam vouchers għal ġelat b'xejn għat-tfal u ttellgħet lotterija fejn intrebħu vouchers tal-ġugarelli. Din l-attivita' saret bl-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għal Għawdex.



***1st May –** An activity Community Services Day was held at Pjazza taz-Zjara tal-Madonna with the involvement of the Community Police with their horses, cars, motorcycles, and police segways as well as Lesa. There was a demonstration by First Aiders from the Gozo General Hospital and Civil Protection. The Council distributed vouchers to all locality children for a free ice cream and a lottery ticket where toy vouchers were won. This was will financial assistance of the Ministry for Gozo.*

**22 ta' Mejju** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza attivita tal-Karnival ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Waqt l-attivita' kien hemm il-parteċipazzjoni ta' diversi gruppi taż-żfin b'temi differenti tal-Karnival kif ukoll karrijiet trijonfali u maskeruni. Il-Kunsill qassam popcorn u ħelu b'xejn għal kulħadd.



***22nd May** – L-Għarb Local Council organized a Carnival activity in Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. There were spectacular shows by various Carnival groups and triumphal floats during the event. The Council distributed popcorn and candies for all present.*

**1 ta' Ġunju** – Ġiet organizzata ħarġa kulturali ġewwa Għawdex mill-Kunsill Lokali tal-Għarb. Żorna diversi postijiet fosthom il-knisja ta' Santa Luċija fejn kien hemm quddiesa ċċelebrata mill-Kanonku Dun Gużepp Tabone, ħin liberu fil-belvedere tal-Qala u ikla ġewwa x-Xlendi.



***1st June –** An outing in Gozo was organized by l-Għarb Local Council. The group visited various places including the church of Santa Lucija where Can Fr Joseph Tabone celebrated mass. The group had free time at Qala belvedere and had lunch in Xlendi.*

**22 ta' Ġunju** – il-Kunsill fakkar il-100 sena mil-mewt ta' Karmni Grima u organizza attivita' bis-sehem tat-tfal tal-iskola primarja tal-Gharb fejn il-Mużew ta' Karmni Grima. Is-Sindku flimkien mal-Ministru għal Għawdex kixef il-plakka li ġiet imwaħħla quddiem il-mużew. B'konnessjoni ma' dan l-anniversarju, l-grupp tal-Infiorata Assocjazzjoni Maltija EspressjonArti Gharb installa infiorata b'wiċċ Karmni Grima fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fl-okkażjoni tal-festa.



***22nd June –** The Council commemorated the 100th anniversary of Karmni Grima's death with the participation of the primary school children near Karmni Grima Museum. Mayor David Apap along with Minister for Gozo Clint Camilleri unveiled a plaque that was*

*installed in front of the museum. In connection with this anniversary, the infiorata group, Assocjazzjoni Maltija EspressjonArti Għarb installed an infiorata with Karmni Grima's face at Ta' Pinu National Sanctuary parvis on the occasion of the feast.*

**3 ta' Lulju –** Għall-okkażjoni ta' Jum il-festa tar-raħal ittellgħet l-għoxrin edizzjoni ta' l-infiorata bi fjuri friski fuq iz-zuntier tal-knisja. B'disinn preparat minn Michael Bajada bit-temi tal-50 sena anniversarju mill-mewt ta' Dun Alwiġ Mizzi, wiċċ Karmni Grima f'għeluq il-mitt sena mill-mewt tagħha kif ukoll l-istemma ġdida tad-Djoċesi ta' Għawdex.



***3rd July – The** twentieth edition of the infiorata flower carpet was held on the church parvis for the occasion of the village feast. The design was prepared by Michael Bajada with the themes being the commemoration of the 50th anniversary from the death of Dun Alwig Mizzi, the face of Karmni Grima, as well as the new coat of arms of the Diocese of Gozo.*

**8th July – 16th September** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Għawdex ħa l-inizjattiva u organizza l-Gharb Fridays. Dawn kienu serati ta' kull nhar ta' Ġimgħa bil-parteċipazzjonijiet ta' bands lokali ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Ir-restoranti lokali offrew is-servizz tagħhom fuq barra biex b'hekk il-klijenti setgħu igawdu l-arja friska, atmosfera rilassanti b'mużika live.
***8 ta' Lulju – 16 ta' Settembru** – L-Għarb Local Council with the collaboration of the Ministry for Gozo took the initiative and organised Gharb Fridays. These events that occurred every Friday with the participation of local bands at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Local Restaurants offered their services in the open air and clients could enjoy in a relaxing atmosphere with live music.*

**14 - 17 ta' Lulju** – Il-Kunsill Lokali tal-Għarb bil-kollaborazzjoni mall-fondazzjoni tar-riċerka Genista organizza konferenza internazzjonali fil-lukanda kempinski dwar it-tema tal-parteċipazzjoni lokali taċ-ċittadini fid-demokrazija. Is-Sindku, gvernaturi u ċittadini attendew għal din il-konferenza.

***14th - 17th July** – L-Għarb Local Council with the collaboration with Genista research foundation organised an international conference at the Kempinski hotel. The theme was local democracy – citizen participation. Mayor David Apap, governors and representatives of the civil society were present for this conference.*

**17 ta' Lujlu** - Is-Sindku David Apap għalaq 25 sena ta' ħidma ġewwa l-Kunsill tal-Għarb - 1997-2022. Il-Kunsill jifraħlu tas-suċċessi ta' ħidma għar-raħal tagħna tal-Għarb fejn rajna lir-raħal tagħna jitjieb f'kull aspett.
***17th July –** Mayor David Apap marked his 25th anniversary of working within the l-Għarb Local Council. 1997 – 2022. The Council congratulate him for the successes of works done towards our locality where we have seen our village improve in every respect.*

**22 - 24 ta' Lulju** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza ġita għal Sqallija u Żjara fuq il-qabar ta' Dun Alwig Mizzi għall-okkażjon7i ta' Għeluq il-50 sena mill- mewt tieghu.



***22nd – 24th July** – L-Għarb Local Council organised a trip for Sicily which included a visit on the grave of Dun Alwig Mizzi for the occasion of the 50th anniversary since his death.*

**29 ta' Awwissu** – l-Kunsill Lokali l-Għarb iċċelebra Jum l-Għarb. Il-Programm beda b'Quddiesa ta' Radd il-Ħajr ġewwa l-Knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' l-Għarb fis-7pm segwita b'serata kulturali fil-pjazza. Is-serata ngħatat bidu bi tpoġġija ta' kuruni quddiem il-monument ta' l-Isqof Mikiel Ġ. Molina mis-Sindku, Kunsilliera u għaqdiet lokali waqt id-daqq tal-Innu lil Għarb. Wara segwa l-programm b'Kantata bl-isem 'Żewġ Anniversarji' miktuba minn Mario Borg u mużika mill-Mro Antoine Mercieca. Bħal kull sena ngħataw il-premijiet fosthom Premju Għarb li ġie mogħti lil Gozo Glass Ltd, Qlub Ġenerużi lil Rita Mizzi, Premju Volontarjat Lokali lil Marica Farrugia, Għarb Gozitan Cultural Award lil Ann Marie Galea, Personal Achievement Award lil Giovann Attard u għall-ewwel darba ngħata Premju Artiġjanat Lokali lil Alvin Pace.
***29th August** - L-Għarb Local Council celebrated Għarb Day. The program started with a Thanksgiving Mass at Għarb Collegiate and Basilica Church at 7pm followed by a soiree in square. The evening started with the laying of*

*wreaths in front of the monument Isqof Mikiel G. Molina during the playing of Għarb anthem. The program also included a Kantata named 'Żewġ Anniversarji' written by Mario Borg and music of Mro Antoine Mercieca. Awards were also presented which included Premju Għarb to Gozo Glass Ltd, Qlub Ġenerużi to Rita Mizzi, Premju Volontarjat Lokali to Marica Farrugia, Għarb Gozitan Cultural Award to Ann Marie Galea, Personal Achievement Award to Giovann Attard and for the first time the award Premju Artiġjanat Lokali was given to Alvin Pace.*

**12 ta' Settembru –** Saret l-Inawgurazzjoni ta' Van u mutur ta' l-elettriku mill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli flimkien mas-Sindku u l-Kunsill Lokali tal-Għarb.



***12th September- The** inauguration of the electric van motorbike was held by Hor Parliamentary Secretary8 Alison Zerafa Civelli along with Mayor David Apap and l-Għarb Local Council.*

**14 ta' Settembru** – Sar il-ftuħ uffiċjali tal-Primary Health Care clinic ġdid fl-Għarb b'servizzi ġodda b'xejn għall-pubbliku. Dan il-ftuħ sar fil-preżenza Tal-Ministru Onor Chris Fearne u membri mill-Primary Health Care, is-Sindku David Apap u l-Kunsilliera kif ukoll il-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri.



***14th September** – The Opening of a new Primary Health Care Clinic was held with new free services to the public. This opening was held in the presence of Hon. Minister Chris Fearn and Primary Health Care members, Mayor David Apap and Councillors along with Minister for Gozo Clint Camilleri.*

**15 u 16 ta' Settembru –** Bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru sar il-ħames edizzjoni tal-Kite and Wind Festival fiż-żona ta' San Dimitri, l-Għarb. Il-festival sar b'kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Kunsill Lokali tal-Għarb u l-Ministeru għal Għawdex. Is-sema blu fuq iż-żona trasforma f'wieħed mimli tajr ikkuluriti, b'forom u daqsijiet varji. Ġew organizzati workshops għat-tfal b'xejn fejn setgħu jaraw kif tagħmel tajra, ipenġuha u jtajruha. Eluf ta' nies inkluż familji bit-tfal attendew għal dan il-festival u qattgħu ħin ta' pjaċir flimkien.



**15th, 16th September –** *The 5th edition of the International Kite and Wind Festival was held at San Dimitri, l-Għarb. This festival was organised by l-Għarb Local Council with the full collaboration of the Ministry for Gozo. The blue skies were transformed in a colourful one full of kites of all types and sizes. Free kite workshops were held for children where kites where built and given to the children to colour and fly. Thousands of visitors including families with children attended for this festival were they could spend some quality time together and have fun.*

**27 ta' Ottubru** – Sar avveniment ġdid mill-Kunsill Lokali l-Għarb fejn numru sabiħ ta' residenti, ħaddiema tal-Kunsill flimkien mas-Sindku ħasdu ammont tajjeb ta' żebbuġ mis-siġar taż-żebbuġ f'żoni pubbliċi madwar il-lokalita'.



*27th October – Another new event by l-Għarb Local Council was held where a nice number of residents, local council workers along with the Mayor harvested a good amount of olives from the olives we have in public areas around the locality.*

**1 ta' Novembru** – Il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa tal-Għarb organizza attivita' tal-Qaddisin Kollha lit-tfal tal-parroċċa fejn kienu imħeġġa jilbsu ta' qaddisin. Il-Kunsill qassam ktieb tat-tpinġija u muffin lit-tfal kollha preżenti.

***1st November** – The Local Council with the collaboration of Għarb Parish organised All Saints activity where a mass was celebrated and children were encourages to wear as a saint. L-Għarb Local Council distributed a colouring book and a muffin for all the children present.*

**11 ta' Diċembru** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb bl-għajnuna finanzjarja tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali organizza Opera "Dawl Ġdid", Opera msejsa fuq il-leġġenda tal-Virtu ġewwa l-Knisja Bażilika u kolleġjata tal-Għarb. Kitba ta' Sebastian Saliba u John Saliba u mużika ta' Mro Ray Sciberras.

***11th December** – L-Għarb Local Council with the financial assistance of the Department of Local Government organised an opera "Dawl Ġdid" , an opera based on the legend of Virtu written by Sebastian Saliba and John Saliba and music by Mro Ray Sciberras.*





**13 ta' Diċembru** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex organizza 1K 2K and 5K Gharb Run. Kienu bosta li ħadu sehem f'kull kategorija u wara kull parteċipant ingħata medalja u trofew għar-rebbieħa.



***13th December** – L-Għarb Local Council with the financial collaboration of the Ministry for Gozo organised 1K, 2K and 5K Gharb Run. Participants from every category participated and after everyone was given a medal and a trophy to the winners.*

**12 – 31 ta' Diċembru** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza attivitajiet tal-Milied ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Il-Pjazza kienet mgħammra bi stalls u kienet trasformata f'villaġġ tal-Milied. Barra minn hekk kien hemm rokna ta' Santa Klaws, krafts, bouncing castle, karattri speċjali u mużika live. Għat- tieni sena konsekuttiva kellna ukoll l-Ice Skating Rink. Din l-attivita' saret b'kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, Direttorat tal-Wirt Kulturali u Dipartiment tal-Gvern Lokali.





*12th - 31st December – L-Għarb Local Council organised Christmas activities at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. The Square was furnished with stalls and turned into a Christmas village. Apart from this there were other activities such as Father Christmas corner, crafts, bouncing castle, special characters for children, and live music. For the second year running, we had to The Ice Skating. This activity was held with the collaboration of the Ministry for Gozo, Cultural Heritage Directorate and the Department of Local Governent.*



**23 ta' Diċembru** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb qassam rigali tal-Milied lit-tfal tal-lokalita' wara l-aħħar Jum tan-Novena fuq iz-zuntier tal-Knisja.
Il-Kunsill qassam ukoll vouchers b'xejn lit-tfal tal-iskola primarja biex jissarraf f'hot chocolate u biljett b'xejn għall-użu tal-ice rink.
***23rd December** – L-Għarb Local Council distributed Christmas presents to the locality children after the last day of novena.*
*The Council also distributed free vouchers to Għarb Primary School children to be exchanged for a hot chocolate and ice rink ectrance ticket.*

**25 ta' Diċembru** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb bill-kollaborazzjoni tar-Reġjun Għawdex qassam ikla b'xejn lil dawk li rreġistraw mal-Kunsill biex jirċevuha. Din issir biex dawk li jgħixu waħedhom, anzjani, morda jew għandhom problemi finanzjarji iħossuhom inklużi f'dan iż-żmien speċjali tal-Milied.
***25th December –** L-Għarb Local Council in collaboration the Gozo Region distributed a free meal to those who registered with the Council. This was held so those who live alone, elderly, sick or have financial problems will feel included during this special time of the year.*

***Is-Sindku David Apap Agius, Viċi Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u staff jixtiequ s-Sena t-Tajba lil kulħadd***

***The Mayor David Apap Agius, Deputy Mayor, Councillors, Executive Secretary and staff would like to wish everyone a happy New Year***

## Statement of comprehensive income for year ended 31 December 2021

| | € |
|---|---|
| **INCOME** | |
| Funds received from central government | 299,406.00 |
| Income from Local Enforcement System | 2,018.00 |
| General Income | 398,448.00 |
| | **699,872.00** |
| **EXPENDITURE** | |
| Personal emoluments | 150,413.00 |
| Operations and maintenance | 115,720.00 |
| Administration and other expenditure | 335,410.00 |
| | **601,543.00** |
| Operating Deficit for the year | 98,329.00 |
| Investment income | |
| Finance costs | -5,090.00 |
| Total Comprehensive Income for the year/period | **93,239.00** |

## OPERATIONS AND MAINTENANCE

| | |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and Street Pavements | 3,562.00 |
| Repairs and upkeep | 22,979.00 |
| Street Signs | 3,051.00 |
| Office furniture and equipment | |
| **Total** | **29,592.00** |
| **Contractual Services:** | |
| Refuse Collection | 31,243.00 |
| Bulky Refuse Collection | 1,131.00 |
| Open skips | 94.00 |
| Road and Street Cleaning | |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 5,352.00 |
| Cleaning of parks and gardens | |
| Other contractual services | 535.00 |
| Childcare centre costs | 46,454.00 |
| Street Lighting | 1,319.00 |
| | **86,128.00** |
| **Total Operations and Maintenance Expenses** | **115,720.00** |
| **ADMINISTRATION AND OTHER EXPENDITURE 2021** | |
| Utilities | 20,390.00 |
| Materials and supplies | 29,066.00 |
| Rent | 15,880.00 |
| National and International | 1,700.00 |
| Office Services | 33,978.00 |
| Transport | 7,287.00 |
| Overseas travel | 1,686.00 |
| Information Services | 5,897.00 |
| Insurance | 8,412.00 |
| Professional Services | 42,544.00 |
| Training and courses | 950.00 |
| Community and Hospitatlity | 111,305.00 |
| Depreciation expense | 49,317.00 |
| Amotisation charge | 1,309.00 |
| Lease of equipment | 5,225.00 |
| LES expenses | |
| Write Off | 1,590.00 |
| Donations and sundry expenses | |
| Decrease in provision for bad debts | -2,199.00 |
| Fines | 1,073.00 |
| | **335,410.00** |


BOV
Bank of Valletta
SUQ LEJN IL-FUTUR
PAGAMENTI FIX-XAHAR RAĠONEVOLI
BOV·001
KELLIMNA
Kellimna | bov.com/motorloans | @bovofficial
Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta’ self u għall-approvazzjoni finali mill-Bank of Valletta. It-terminu tas-self ma jistax jaqbeż l-età tal-irtirar. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija regolata mill-MFSA u liċenzjata biex toffri l-Kummerċ Bankarju f’termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta’ Malta).

# FRENDO AUTOMOTIVE

Garage 5. Wied Sara Street. Ghasri GSR 2962 Gozo-Malta

Authorize Repairs, Services & Parts for:

Tel: (+356) 2155 0087
Mob: (+356) 9943 6667
Email: info@frendoauto.com